Nru. 18,111
Prezz/Price
Lm1.92 (€4.47)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 7 ta' Awissu, 2007
Tuesday, 7th August, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 723

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,108 u 18,110 tal-31 ta' Lulju u t-3 ta' Awissu, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 205 ta' l-2007: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Identity of Air Carrier) Order, 2007.*

A.L. Nru. 206 ta' l-2007: Att dwar Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Speċjali ta' Reġistrazzjoni (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 207 ta' l-2007: Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) Ordni ta' l-2007 dwar l-Impjieg ma' l-Awtorità dwar l-Lotteriji u l-Logħob għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

A.L. Nru. 208 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) Regolament ta' l-2007 dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati).

A.L. Nru. 209 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427) Two or Three Motor Vehicles (EC-Type Approval) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 210 ta' l-2007: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kap. 246) Ordni ta' l-2007 dwar Pender Place u Mercury House Site, San Ġiljan bħala Żona Speċjali Msemmija.

Is-7 ta' Awissu, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 723

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,108 and 18,110 of the 31st July and the 3rd August, 2007 respectively.

L.N. No. 205 of 2007: Civil Aviation Act (Cap. 232); Civil Aviation (Identity of Air Carrier) Order, 2007.

L.N. No. 206 of 2007: External Transactions Act (Cap. 233); Special Registration Scheme (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

L.N. No. 207 of 2007: Pensions Ordinance (Cap. 93) Pensions Ordinance (Employment with the Lotteries and Gaming Authority) Order, 2007.

L.N. No. 208 of 2007: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) Towage (Tariff of Rates) Regulations, 2007.

L.N. No. 209 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427) Two or Three Motor Vehicles (EC-Type Approval) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

L.N. No. 210 of 2007: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246) Pender Place and Mercury House Site, St. Julian's (Designated Special Area) Order, 2007

7th August, 2007

Nru. 724

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT XV)

Il-Popolazzjoni Stmata għal kull Lokalità 31 ta' Marzu, 2007

GĦALL-FINI ta' l-artikolu 73 tat-Taqsima VII ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi qiegħed hawn taħt jagħti l-popolazzjoni ta' kull lokalità kif imfissra fl-Att:

	Lokalità u Kodiċi *Locality and Code*	Popolazzjoni *Population*
01	Valletta - Città Umilissima	7519
02	Mdina - Città Notabile	296
03	Birgu - Città Vittoriosa	2921
04	Isla - Città Invicta	3306
05	Bormla - Città Cospicua	6291
06	Qormi - Città Pinto	17433
07	Żebbuġ - Città Rohan	11664
08	Żabbar - Città Hompesch	15297
09	Siġġiewi - Città Ferdinand	8108
10	Żejtun - Città Beland	11777
11	Rabat - Città Vittoria	6888
12	Attard	9481
13	Balzan	4038
14	Birkirkara	22223
15	Birżebbuġa	9272
16	Dingli	3384
17	Fgura	11840
18	Floriana	2457
19	Fontana	949
20	Gudja	2924
21	Gżira	7746
22	Għajnsielem (u Kemmuna)	3079
23	Għarb	1420
24	Għargħur	2354
25	Għasri	521
26	Għaxaq	4495
27	Ħamrun	10188
28	Iklin	3148
29	Kalkara	3006
30	Kerċem	1854
31	Kirkop	2284
32	Lija	2769
33	Luqa	6181
34	Marsa	5938
35	Marsaskala	9632
36	Marsaxlokk	3246
37	Mellieħa	8254
38	Mġarr	3078
39	Mosta	18793
40	Mqabba	3157
41	Msida	8381
42	Munxar	1420
43	Nadur	4829
44	Naxxar	11813
45	Paola	8609
46	Pembroke	2949
47	Pietà	4076
48	Qala	2105
49	Qrendi	2623
50	Rabat	11865
51	Safi	2062
52	San Ġiljan	8752
53	San Ġwann	12529
54	San Lawrenz	702
55	San Pawl il-Baħar	16528
56	Sannat	2066
57	Santa Luċija	3247
58	Santa Venera	6825
59	Sliema	14963
60	Swieqi	8168
61	Ta' Xbiex	1840
62	Tarxien	8580
63	Xagħra	4860
64	Xewkija	3521
65	Xgħajra	1429
66	Żebbuġ	2784
67	Żurrieq	11203
68	Mtarfa	2263
	Totali/Totals	**430203**

Sors: Uffiċċju Elettorali u Dipartiment ta' Sigurtà Soċjali
Source: Electoral Office and Department of Social Security

No. 724

LOCAL COUNCILS ACT OF 1993 (ACT XV)

Estimated Population by Locality 31st March, 2007

FOR the purpose of section 73 of Part VII of the Local Councils Act, the Prime Minister and Minister for Finance hereunder states the population estimates for each locality as defined in the Act:

Is-7 ta' Awissu, 2007

7th August, 2007

Nru. 725

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-30 ta' Lulju 2007 sat-3 ta' Awissu, 2007, iż-żewġ dati inklużi.

Is-7 ta' Awissu, 2007

No. 725

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from the 30th July 2007 to the 3rd August, 2007, both days inclusive.

7th August, 2007

Nru. 726

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Falzon	Aġent Kummissarju ta' l-Artijiet *Acting Commissoner of Land*	Land *Artijiet*	1.09–11.09.2007

Is-7 ta' Awissu, 2007

No. 726

APPOINTMENT OF ACTING COMMISSIONER OF LAND

THE Permanent Secretary, Ministry for Justice and Home Affairs, has approved the following acting appointment:–

7th August, 2007

Nru. 727

REĠISTRU PUBBLIKU

BIS-SAĦĦA tar-regolament 6A tar-Regolamenti dwar il-Kompjuterizzazzjoni, Spezzjoni u Riċerki fir-Reġistru Pubbliku, l-Aġent Direttur, Reġistru Pubbliku jgħarraf illi fil-perjodu bejn it-Tnejn 13 ta'Awissu 2007 u t-Tlieta 21 ta'Awissu 2007 (iż-żewġ dati inklużi), il-perjodi ta' ħin imsemmija fis-subregolament (5) tar-regolament 6, jistgħu jibdew għaddejjin mill-ewwel ġurnata ta' xogħol li tiġi wara dan il-perjodu speċjali.

B'żieda ma' dan ngħarrfu li l-perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 dwar il-kanċellament ta' applikazzjoni xorta jibqa' għaddej.

Is-7 ta' Awissu, 2007

No. 727

PUBLIC REGISTRY

BY VIRTUE of rule 6A of the Public Registry (Computerisation, Inspection and Searches) Regulations, the Acting Director, Public Registry notifies that during the period between Monday 13th August 2007 and Tuesday 21st August 2007 (both dates included), the time period mentioned in subregulation (5) of regulation 6, may commence to run from the first working day following the said special period.

Moreover it is notified that the twenty four hour period mentioned in subregulation (4) of regulation 6 regarding cancellation shall likewise so commence.

7th August, 2007

Nru. 728

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TA' L-*ACCOUNTANCY* (KAP. 281)

Direttiva ta' l-2007 dwar l-Assikurazzjoni ta' Kwalità fil-Professjoni ta' l-*Accountancy*

*(Direttiva Numru 4 maħruġa skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy *u tar-Regolamenti ta' l-1987 dwar il-Professjoni ta' l-Accountancy)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Att") u skond m'hemm fir-regolamenti 6 tar-Regolamenti ta' l-1987 dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti"), il-Bord dwar l-*Accountancy*, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, qiegħed b'dan joħroġ din id-direttiva li ġejja għal detenturi ta' *warrant* taħt l-Att:-

Titolu u data ta' bidu fis-seħħ

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva ta' l-2007 dwar l-Assikurazzjoni ta' Kwalità fil-Professjoni ta' l-*Accountancy*, u tista' wkoll tissejjaħ bħala d-"Direttiva dwar Assikurazzjoni ta' Kwalità".

2. Din id-direttiva għandha tibda sseħħ fit-tmien jum li jiġi minnufih wara l-jum meta tiġi pubblikata skond m'hemm fir-regolament 6(2) tar-Regolamenti.

Tifsiriet

3. (a) F'din id-Direttiva:

"Bord" tfisser il-Bord dwar l-*Accountancy* mwaqqaf skond l-artikolu 6 ta' l-Att;

"Ċertifikat ta' prattika" tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att;

"Detentur ta' *warrant*" tfisser individwu, li jkollu *warrant* maħruġ taħt l-Att jew soċjetà ta' *accountants* reġistrata skond l-artikolu 10 ta' l-Att;

"Ditta" tfisser:

- prattika unika li permezz tagħha detentur ta' *warrant* iwettaq prattika pubblika bħala l-eżerċitant uniku;

- soċjetà ta' *accountants* li jwettqu prattika pubblika;

u għandha fil-każijiet kollha tkun tinkludi wkoll korp ta' persuni, li jkun kontrollat minn dak id-detentur ta' *warrant* jew soċjetà ta' *accountants*;

"Edukazzjoni professjonali kontinwa", hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "CPE", tfisser attivitajiet li għandhom jikkontribwixxu għal żvilupp professjonali kontinwu ta' detenturi ta' *warrant*;

"Korp ta' persuni" tinkludi kumpannija b'responsabbiltà

No. 728

ACCOUNTANCY PROFESSION ACT (CAP. 281)

Accountancy Profession (Quality Assurance) Directive 2007

(Directive Number 4 issued in terms of the Accountancy Profession Act and of the Accountancy Profession Regulations, 1987)

IN exercise of the powers conferred by article 8 of the Accountancy Profession Act (hereinafter referred to as "the Act") and in terms of regulation 6 of the Accountancy Profession Regulations, 1987 (hereinafter referred to as "the Regulations"), the Accountancy Board, with the approval of the Minister of Finance, is hereby issuing the following directive to warrant holders under the Act:-

Name and commencement date

1. This directive may be cited as the Accountancy Profession (Quality Assurance) Directive 2007 and it may also be referred to as the "Quality Assurance Directive".

2. This directive shall come into force on the eighth day immediately following the day on which it is published in terms of regulation 6(2) of the Regulations.

Definitions

3. (a) In this Directive:

"Board" shall mean the Accountancy Board set up in terms of article 6 of the Act;

"Practising Certificate" shall mean a certificate referred to in sub-article (2) of article 4 of the Act;

"Warrant holder" shall mean an individual , holding a warrant issued under the Act or a partnership of accountants registered in terms of article 10 of the Act.

"Firm" shall mean:

- a sole practice through which a warrant holder engages in public practice as the sole practitioner;

- a partnership of accountants engaged in public practice;

and shall in all cases also include any body of persons, that is controlled by any such warrant holder or partnership of accountants;

"Continued professional education" hereinafter referred to as "CPE" shall mean activities that should contribute to the continued professional development of warrant holders;

"Body of persons" includes a limited liability company,

limitata, u kull sħubija, soċjetà, jew oħra assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew korporati sew mhux korporati, u sew vestiti b'personalità legali sew li m'humiex;

"Kumitat ta' Sorveljanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Kwalità" u "QAOC" ifissru l-Kumitat imwaqqaf taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 14 ta' din id-Direttiva;

"Prattika pubblika" tfisser dawn l-attivitajiet li ġejjin li jsiru mid-detenturi ta' *warrant*:

- li jaġixxu ta' awditur, esklużż, biex jiġi evitat kull dubju, detentur ta' *warrant* li jkun impjegat minn detentur ta' *warrant* ieħor;

- li jiffirmaw rapport jew ċertifikat fuq il-kontijiet f'ċirkostanzi fejn x'aktarx li wieħed iserraħ fuq dak ir-rapport jew ċertifikat minn persuna oħra, jew meta detentur ta' *warrant* (li ma jkunx detentur ta' *warrant* impjegat ta' xi detentur ta' *warrant* ieħor) jagħmel xi ħaġa oħra li tista' twassal lil terzi jaħsbu li l-kontijiet ikunu ġew ippreparati, approvati jew riveduti minn dak id-detentur ta' *warrant*; jew

- li jippreżentaw ruħhom, jew iħallu li jiġu ippreżentati, bħala li huma disponibbli biex iwettqu xi waħda minn dawn l-attivitajiet;

"Prinċipal" tfisser, dwar ditta, persuna li jkun:

- meta d-ditta tkun magħmula minn eżerċitant uniku, dak l-istess eżerċitant uniku;

- meta d-ditta tkun magħmula minn soċjetà, soċju fid-ditta;

"Prinċipal responsabbli għall-konformità" tfisser prinċipal ta' ditta li, meta jaġixxi għan-nom ta' xi ditta u taħt l-istruzzjonijiet tagħha, jkun responsabbli biex jiżgura li jkun hemm konformità mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u fil-każ ta' eżerċitant uniku, dan għandu, f'kull każ, ikun, l-eżerċitant uniku;

"*Warrant*" tfisser *warrant* biex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' *accountant* maħruġ skond l-Att u, fil-każ ta' soċjetà ta' *accountants*, kull soċjetà li tkun reġistrata skond l-artikolu 10 ta' l-Att.

(b) Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu interpretati fil-kuntest ta' l-Att u tar-Regolamenti u għandhom jinqraw flimkien ma' kull direttiva oħra rilevanti u linji gwida li jistgħu jiġu maħruġa minn żmien għal żmien.

Għan u skop

4. L-għan ta' din id-Direttiva hu sabiex jiżgura li d-ditti kollha jżommu l-ogħla *standards* professjonali possibbli.

5. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw għad-ditti kollha.

Responsabbiltà

6. Tkun ir-responsabbiltà ta' kull detentur ta' *warrant* ta' prattika pubblika li jiżgura li hu u d-ditta tiegħu jkunu jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

and any fellowship, society, or other association of persons, whether corporate or unincorporate, and whether vested with legal personality or not;

"Quality Assurance Oversight Committee" and "QAOC" shall mean the Committee set up under the provisions of rule 14 this Directive;

"Public practice" shall mean the following activities carried out by warrant holders:

- acting as auditor, excluding, for the avoidance of doubt, a warrant holder who is in the employ of another warrant holder;

- signing any report or certificate on accounts in circumstances where reliance is likely to be placed on such report or certificate by any other person, or when a warrant holder (other than a warrant holder in the employ of another warrant holder) does any other thing which may lead the third party to believe that accounts have been prepared, approved or reviewed by such warrant holder; or

- holding oneself out, or allowing oneself to be held out, as being available to undertake any of these activities;

"Principal" shall mean, in relation to a firm, a person who is:

- where the firm comprises a sole practitioner, that sole practitioner;

- where the firm constitutes a partnership, a partner in the firm;

"Compliance Principal" shall mean a principal of a firm who, acting on behalf of and under the instructions of the firm, is responsible for ensuring compliance with the provisions of this Directive, and in the case of a sole practitioner, shall, in all cases, be the sole practitioner;

"Warrant" shall mean a warrant to practice the profession of accountant issued in terms of the Act and, in the case of a partnership of accountants, any such partnership registered in terms of article 10 of the Act;

(b) The provisions of this Directive shall be interpreted in the light of the Act and of the Regulations and shall be read in conjunction with any other relevant directives and guidelines which may be issued from time to time.

Purpose and scope

4. The objective of this Directive is to ensure that all firms maintain the highest possible professional standards.

5. The provisions of this directive apply to all firms.

Responsibility

6. It is the responsibility of each warrant holder in public practice to ensure that he and his firm comply with the provisions of this Directive.

7. Sabiex jiġi stabbilit jekk ditta tkunx qegħda tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, id-deċiżjoni tal-Bord li tittieħed wara konsultazzjoni mal-QAOC għandha tkun waħda finali u li torbot lill-partijiet kollha.

8. Il-fatt li l-konformità mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva tista' titħares mill-Prinċipal responsabbli għall-konformità jew minn kull prinċipal ieħor jew detentur ta' *warrant* ta' prattika pubblika għan-nom ta' xi ditta ma jnaqqasx mir-responsabbiltà ta' xi detentur ta' *warrant* ta' prattika pubblika/prinċipal tad-ditta ieħor li jiżgura li kemm id-ditta kollha kemm hi kemm huwa nnifsu individwalment ikunu jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jaderixxu għaliha.

Proċess ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità

9. Il-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità huwa intiż biex permezz tiegħu l-Bord jipprovdi assikurazzjoni dwar il-kwalità tax-xogħol professjonali ta' detenturi ta' *warrant* ta' prattika pubblika u ta' dittai fuq iż-żamma ta' livelli ta' *standards* professjonali adatti b'dan. Il-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità għandu jitmexxa b'mod trasparenti u biex din l-obbligazzjoni tkun sodisfatta dan ikun jeħtieġ fost l-oħrajn il-pubblikazzjoni ta' programmi ta' xogħol annwali u rapporti ta' attività.

10. Il-QAOC għandu jaġixxi għan-nom tal-Bord fl-implimentazzjoni u s-superviżjoni tal-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità maħsub fid-disposizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.

11. Il-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità għandu jinkludi:

• il-preżentata ta' prospett dettaljat maħruġ f'għamla u fi żmien preskritt mill-QAOC; u
• viżti ta' reviżjoni perjodiċi li jsiru lid-ditti;
• l-abbozzar ta' rapport li jkun fih ir-riżultanzi prinċipali tal-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità għar-rigward ta' xi ditta partikolari;
• il-publicazzjoni annwali tar-riżultati globali tal-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità.

12. Il-QAOC għandu, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jistabbilixxi s-selezzjoni ta' ditti li għar-rigward tagħhom ikun jista' jmexxi l-Process ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità inkluża t-tmexxija ta' viżti ta' reviżjoni perjodiċi, kif ukoll il-metodi li għandhom jiġu adottati fit-tmexxija tal-proċess u l-viżti imsemmija u fir-reviżjoni tal-prospetti dettaljati.

Standards Professjonali

13. Kemm detenturi ta' *warrant* ta' prattika pubblika kemm ditti huma meħtieġa jikkonformaw ruħhom ma' kull liġi, regolament, direttiva, u linji gwida professjonali

7. In determining whether a firm is subject to the provisions of this Directive, the decision of the Board taken after consultation with the QAOC shall be final and binding on all parties.

8. The fact that compliance with the provisions of this Directive may be undertaken by the Compliance Principal or by any other principal or warrant holder in public practice on behalf of any firm shall not diminish the responsibility of any other warrant holder in public practice/principal of the firm to ensure that both the firm as a whole and himself individually complies with and abides by the provisions of this Directive.

Quality Assurance Process

9. The Quality Assurance Process is intended to be a means through which the Board provides assurance as to the quality of the professional work of warrant holders in public practice and firms and on the maintenance of appropriate levels of professional standards thereby. The Quality Assurance process shall be conducted in a transparent manner and satisfaction of this obligation shall require among others the publication of annual work programmes and activity reports.

10. The QAOC shall act on behalf of the Board in the implementation and supervision of the Quality Assurance process contemplated in the provisions set out in this Directive.

11. The Quality Assurance process shall include:

• the submission of a detailed return issued in a form and at a time prescribed by the QAOC; and
• periodic review visits to firms;
• the drawing up of a report which contains the main conclusions of the Quality Assurance process in respect of any particular firm;
• the annual publication of the overall results of the Quality Assurance process.

12. The QAOC shall, in its absolute discretion, determine the selection of firms in respect of which to conduct the Quality Assurance process including the conduct of periodic review visits, as well as the methods to be adopted in the conduct of the said process and visits and in the review of the detailed returns.

Professional Standards

13. Warrant holders in public practice and firms are required to comply with all laws, regulations, directives, and professional guidelines which seek to ensure the maintenance

li għandhom l-għan li jiżguraw iż-żamma ta' *standards* professjonali adatti u in partikolari d-disposizzjonijiet ta' l-Att, ir-Regolamenti, id-Direttivi u l-Linji Gwida kollha, standards professjonali oħra li jistgħu joħorġu mil-liġi, *standards* jew direttivi maħruġa minn xi awtorità regolatorja rilevanti oħra, u kull gwida li tiġi maħruġa minn korp ta' *accountancy* approvat.

Il-QAOC

14. (a) Il-QAOC għandu jkun magħmul minn ħames membri individwali li jinħatru għal perjodu determinat mill-Bord li m'għandux ikun ta' iżjed minn tliet snin, b'dan illi għar-rigward tal-membri appuntati fis-sena 2005, iż-żmien tal-kariga tagħhom għandu jibda għaddej fid-data tal-ħatra tagħhom u jtemm fil-31 ta' Diċembru ta' l-2006. Bil-għan li jiġi evitat kull dubju, kull membru jkun jista' jerġa' jinħatar. Ir-rimunerazzjoni (jekk ikun il-każ) tal-membri tal-QAOC għandha tiġi stabbilita mill-Bord.

(b) Il-membri tal-QAOC għandhom jinħatru mill-Bord qabel il-bidu fis-seħħ tal-kariga tagħhom:

(i) tnejn mill-membri għandhom jiġu nominati minn lista ta' mhux inqas minn erba' persuni li tingħata minn xi assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet li f'dak iż-żmien ikunu rikonoxxuti bħala korp jew korpi approvati ta' l-*accountancy*; u

(ii) mhux inqas minn tlieta mill-membri għandhom ikunu individwi li jkunu, għal mill-inqas tliet snin qabel il-ħatra tagħhom bħala membri tal-QAOC (u matul iż-żmien kollu tal-kariga tagħhom (inkluża kull ħatra mill-ġdid rilevanti)), la għamlu xi awditjar statutorju, lanqas kellhom drittijiet ta' votazzjoni f'xi Ditta, u lanqas kienu xi membru tal-korp amministrattivi jew ta' maniġġ ta' ditta u ma jkunux ġew impjegati, jew xort'oħra assoċjati ma' xi Ditta.

(ċ) In-numru ta' membri meħtieġ biex jifforma *quorum* f'laqgħa tal-QAOC ikun ta' tlieta, iżda bla ħsara meta jkun hemm *quorum* tal-membri, il-Bord jista' jiffunzjona minkejja li jkun hemm xi vakanza fost il-membri tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-QAOC għandhom jiġu approvati b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-laqgħa partikolari tal-QAOC.

(d) Iċ-*Chairman* tal-QAOC għandu jinħatar minn żmien għal żmien mill-Bord minn fost il-membri msemmija fl-inċiż (ii) tas-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu.

(e) Salv dak li hemm imsemmi qabel u bla ħsara għal dawk id-direzzjonijiet li jistgħu jiġu mogħtija lilu mill-Bord, il-QAOC jista' jagħmel ir-regoli tiegħu u xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

15. Il-QAOC għandu jkollu dawn ir-responsabbiltajiet u poteri li ġejjin:

The QAOC

14. (a) The QAOC shall be composed of five individual members appointed for a period determined by the Board which shall not exceed three years, so however that in respect of the members appointed in the year 2005, their term of office shall commence on the date of appointment and end on the 31 December 2006. For the avoidance of doubt, any member shall be eligible for re-appointment. The remuneration (if any) of the members of the QAOC shall be determined by the Board.

(b) The members of the QAOC shall be appointed by the Board prior to the commencement of their term of office and:

(i) two of the members shall be nominated from a list of not less than four persons provided by any association or associations for the time being recognised as an approved accountancy body or bodies; and

(ii) not less than three of the members shall be individuals who have, for at least three years prior to their appointment as members of the QAOC (and throughout the entire term of their appointment (including any relevant re-appointment)), not carried out statutory audits, nor held voting rights in a Firm, nor been a member of the administrative or management body of a Firm and has not been employed by, or otherwise associated with a Firm.

(c) The number of members necessary to form a quorum at a meeting of the QAOC shall be three, but subject to the presence of a quorum of members, the Board may act notwithstanding any vacancy among its members. Decisions of the QAOC shall be approved by simple majority of the members present at the particular QAOC meeting.

(d) The Chairman of the QAOC shall be appointed from time to time by the Board from among the members referred to in sub-sub-paragraph (ii) of subparagraph (b) of this paragraph.

(e) Save as aforesaid and subject to such directions as may be given thereto by the Board, the QAOC may make its own rules and otherwise regulate its own procedure.

15. The QAOC shall have the following responsibilities and powers:

i. L-iżvilupp ta' politika fir-rigward ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità għan-nom tal-Bord, inklużi:

a) Ir-rakkomandazzjoni lill-Bord ta' emendi għal dawn id-Direttivi u għal direttivi u linji gwida oħra li jkollhom effett fuq it-tħaddim tas-sistema tal-Assikurazzjoni ta' Kwalità.

b) Id-deċiżjoni fuq il-kontenut u l-frekwenza tal-preżentata ta' xi prospett kif meħtieġ minn din id-Direttiva u s-sottomissjoni ta' dan għall- approvazzjoni formali tal-Bord.

ċ) Id-deċiżjoni fuq il-form u l-frekwenza ta' xi viżta li għandha ssir skond din id-Direttiva.

ii. L-azzjoni li ssir għan-nom tal-Bord fl-iżgurar ta' l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-iżgurar ta' konformità magħha u ma' regolamenti oħra li jkunu jirregolaw li xogħol professjonali jsir mid-ditti kif imiss.

iii. Il-ħtieġa ta' kooperazzjoni bejn id-ditti u l-produzzjoni ta' xi dokument jew informazzjoni li jikkunsidra adatti għall-qadi kif imiss ta' dmirijietu.

iv. Ir-reviżjoni tal-prospetti kollha magħmulin taħt id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, fejn jiġi investigat in-nuqqas li jsiru prospetti jew rapporti bħal dawk u r-reviżjoni tal-prospetti kollha riċevuti mill-Bord skond il-Prospett Annwali u d-Direttiva ta' l-2004 dwar Drittijiet Annwali.

v. Ir-reviżjoni tar-rapporti kollha magħmulin taħt il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u t-teħid ta' dik l-azzjoni regolatorja li tista' titqies li tkun adatta fiċ-ċirkostanzi partikolari.

vi. L-awtorizzazzjoni, bl-approvazzjoni tal-Bord, ta' xi aġent maħtur kif imiss biex jinvestiga kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt din id-Direttiva u għal dan l-għan il-QAOC jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiddelegate x'uħud mir-responsabbiltajiet u s-setgħat tiegħu lil dak l-aġent. B'mod partikolari, il-QAOC jista' jeħtieġ lil aġent bħal dak jagħmel investigazzonijiet adatti biex jikkonferma jekk ditta tkunx qegħda tikkonforma ruħha jew le mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva (permezz ta' kitba, viżti li jsiru lid-detenturi ta' *warrant* jew fl-uffiċċju jew l-uffiċċji ta' xi ditta, bl-użu ta' prospett perjodiku, investigazzjoni permezz ta' terzi jew b'kull mod ieħor). F'dan ir-rigward għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-QAOC għandha tiżgura li dawk l-aġenti huma persuni ta' integrità li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa, maestrija u esperjenza u li jirċievu t-taħriġ meħtieġ biex jiżguraw li jkunu jistgħu jwettqu dmirijiethom b'mod kompetenti u imparzjali.

(b) Il-QAOC għandha tiżgura li dawk l-aġenti jadottaw kodiċi ta' kondotta li jkun adatt għal dmirijiethom u r-responsabbiltajiet

i. Development of policy in relation to Quality Assurance on behalf of the Board, including:

a) Recommending to the Board amendments to these Directives and all other directives and guidelines which have a bearing on the operation of the quality assurance system.

b) Deciding the content and frequency of submission of any return required by this Directive and submitting this for the formal approval of the Board.

c) Deciding the form and frequency of any visit conducted in terms of this Directive.

ii. Acting on behalf of the Board in ensuring the application of the provisions of this Directive and ensuring compliance therewith and with any other regulations governing the proper performance of professional work by firms.

iii. Requiring the co-operation of firms and the production of any document or information it considers appropriate to the proper performance of its duties.

iv. Reviewing all returns made under the provisions of this Directive, investigating failure to make such returns or reports and reviewing all returns received by the Board in terms of the Annual Return and Annual Fees Directive 2004.

v. Reviewing all reports made under the requirements of this directive and taking such regulatory action as it may deem appropriate in the particular circumstances.

vi. Authorising, with the approval of the Board, any duly appointed agent to enquire into all matters related to the exercise of its functions under this Directive and for this purpose the QAOC may, at its discretion, delegate certain of its responsibilities and powers to such agent. In particular, the QAOC may require any such agent to make appropriate enquires to confirm whether or not a firm is complying with the requirements of this directive (by writing, visiting the warrant holder's or firm's office or offices, using a periodic return, third party enquiry or in any other way). In this respect the following provisions shall apply:

(a) The QAOC shall ensure that such agents are persons of integrity who have the necessary qualifications, expertise and experience and receive the necessary training to ensure that they can carry out their duties competently and impartially.

(b) The QAOC shall ensure that such agents adopt a code of conduct appropriate to their duties and responsibilities.

tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-generalità ta' dak hawn qabel imsemmi, dan il-kodiċi għandu jinkludi disposizzjonijiet li jkollhom l-għan li jiżguraw li ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interess bejn ir-reviżuri u d-ditti li jkunu qegħdin jiġu eżaminati, inkluża l-projbizzjoni ta' dawk il-persuni milli jeżerċitaw fil-prattika pubblika fil-perjodu kollu li matulu huma għandhom jaġixxu bħala aġenti tal-QAOC.

(c) Wara li l-QAOC jikseb l-approvazzjoni bil-miktub tal-Bord, dan jista' jagħmel dawk l-arranġamenti li jista' jqis li jkunu adatti, biex jikkumpensa lil dawk l-aġenti għad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li jkunu qegħdin jeżerċitaw u li jkun assenjalhom.

vii. Li jiġu stabbiliti proċeduri adatti biex jiġi żgurat li l-kunfidenzjalità ta' xi informazzjoni hekk miksuba, li tiġi identifikata mid-ditta bħala li tikkostitwixxi informazzjoni strateġika li tkun kummerċjalment sensittiva, tiġi adegwatament protetta;

viii. Li jidher quddiem il-kumitat dixxiplinari maħtur skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, biex iġib provi dwar xi riżultanzi li jagħmel skond ma jista' jkun rilevanti għal xi investigazzjoni li tkun qegħda ssir skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att.

Għoti ta' informazzjoni lill-QAOC u lill-aġenti tiegħu appuntati kif imiss

16. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu u filwaqt li jkun qiegħed jaqdi dmirijietu taħt din id-Direttiva, il-QAOC (u kull wieħed mill-aġenti tiegħu appuntati kif imiss) għandu s-setgħa, daqstant daqskemm ikun raġonevolment meħtieġ fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jeħtieġ lil xi ditta tipprovdi aċċess għall-post jew għall-postijiet minn fejn dawn jeżerċitaw il-professjoni ta' *accountants* u għal xi u kull informazzjoni li jkollha d-ditta jew li tirrigwarda d-ditta. Mingħajr preġudizzju għall-generalità ta' dak hawn qabel imsemmi, din l-informazzjoni tista' tinkludi fost l-oħrajn, kotba, karti u *records* – sew elettroniċi sew xort'oħra - li għandhom x'jaqsmu mad-ditta, jew li għandhom x'jaqsmu mal-klijenti ta' dak id-detentur ta' *warrant* jew ditta. L-iżvelar u l-għoti ta' l-informazzjoni relattiva f'dawk iċ-ċirkostenzi titqies li għandha sseħħ meta d-ditta tikseb direzzjonijiet mill-korp li jkun jirregola l-professjoni ta' l-*accountancy* u dak l-iżvelar u l-għoti jkunu miżura meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif u l-prosekuzzjoni ta' kontravenzjonijiet ta' l-etika fil-professjoni ta' l-*accountancy*.

Żvelar ta' Informazzjoni

17. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu u meta jkun qiegħed jaqdi dmirijietu taħt id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-QAOC (inklużi, biex jiġi evitat kull dubju, xi u kull aġent tiegħu hekk appuntat skond din id-Direttiva):

Without prejudice to the generality of the foregoing, this code shall include provisions aimed at ensuring that there are no conflicts of interest between the reviewers and the Firms under review, including prohibiting such persons from being engaged in public practice throughout the entire period during which they are acting as agents of the QAOC.

(c) The QAOC, after obtaining the written approval of the Board, may enter into such arrangements as it may consider appropriate, to compensate such agents for the carrying out of the duties and responsibilities it has assigned to them.

vii. To establish appropriate procedures to ensure that the confidentiality of any information obtained thereby which is identified by the firm to constitute strategic commercially sensitive information is adequately protected;

viii. To appear in front of the disciplinary committee appointed in terms of sub-article (4) of article 7 of the Act, to provide evidence on any of its findings as may be relevant to any enquiry held in terms of paragraph (a) of sub-article (1) of article 14 of the Act.

Provision of information to the QAOC and its duly appointed agents

16. In exercising its powers and carrying out its duties under this Directive, the QAOC (and any of its duly appointed agents) has the power, to the extent reasonably necessary in the particular circumstances of the case, to require a firm to provide access to the place or places from which they carry on their profession as accountants and to all and any information held by or concerning the firm. Without prejudice to the generality of the foregoing, this information may include among others, books, papers and records – whether electronic or otherwise - relative to the firm, or relative to clients of such warrant holder or firm. The disclosure and provision of the relative information in such circumstances is deemed to take place in the course of the firm obtaining directions from the body regulating the accountancy profession and such disclosure and provision is a necessary measure in the interest of preventing, investigating, detecting and prosecuting breaches of ethics within the accountancy profession.

Disclosure of Information

17. In exercising its powers and carrying out its duties under the provisions of this Directive, the QAOC (including, for the avoidance of doubt, all and any agents appointed thereby in terms of this Directive):

(i) għandu jistabbilixxi kull każ għalih, sa fejn tkun meħtieġa l-identifikazzjoni ta' xi klijent partikolari sabiex ikun jista' jeżerċita kif imiss is-setgħat tiegħu u jwettaq dmirijietu,

(ii) għandu jittratta kull informazzjoni kif koperta bid-dmir ta' segretezza professjonali, iżda jista' jiżvela kull informazzjoni jekk fil-fehma tiegħu, dik l-azzjoni tkun adatta f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

a) lil Kumitat dixxiplinari maħtur mill-Bord skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, biex jinvestiga ilmenti kontra detenturi ta' *warrant* u ditti;

b) lill-Bord f'dak li għandu x'jaqsam mad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Bord kif stabbiliti fl-Att, fir-Regolamenti, u f'kull Direttiva (inkluża, biex jiġi evitat kull dubju, din id-Direttiva) maħruġa taħtu;

ċ) hekk kif jista' xort'oħra jkun meħtieġ bil-liġi.

Twarrib

18. Il-Bord, li jaġixxi bil-parir tal-QAOC, jista' jwarrab jew idgħajjef xi ħtiġiet ta' din id-Direttiva jekk ikun sodisfatt li meta jkun qiegħed jibdel il-ħtiġiet tad-Direttiva dan mhux ser jirriżulta f'xi riskju mhux dovut lill-klijenti kollha jew x'uħud minnhom ta' xi Ditta jew lill-pubbliku ġenerali.

Prinċipal responsabbli għall-konformità

19. Id-ditti kollha huma meħtieġa jaħtru prinċipal li jkun responsabbli għall-konformità.

Prospetti

20. Id-ditti kollha huma meħtieġa jipprovdu dawk il-prospetti, dikjarazzjonijiet jew informazzjoni oħra, li l-QAOC tista' tqis li jkunu meħtieġa u dik l-informazzjoni għandha tiġi provduta f'dik l-għamla u f'dak iz-żmien skedat skond ma jista' jiġi stabbilit mill-QAOC.

21. Il-prospetti kollha għandhom ikunu soġġetti għall-proċess ta' reviżjoni interna *desk-top* u d-ditti kollha huma meħtieġa jipprovdu dawk id-dettalji l-oħra kollha ulterjuri skond ma jistgħu jiġu meħtieġa bħala riżultat tar-reviżjoni.

22. Il-Bord għandu jagħmel disponibbli lill-QOAC il-prospetti, dikjarazzjonijiet jew informazzjoni oħra kollha mid-ditti u għandu jagħti lill-QAOC aċċess għad- database tal-Bord li jkun fiha informazzjoni meħuda minn dawk il-prospetti.

Viżti Perjodiċi

23. Fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, il-QAOC jista':

(i) shall determine on a case by case basis, the extent to which identification of any particular client is necessary in order to properly exercise its powers and carry out its duties,

(ii) shall treat all information as covered by a duty of professional secrecy, but may disclose any information if in its opinion, such course of action is appropriate in the following circumstances:

a) to a Disciplinary Committee appointed by the Board in terms of sub-article (4) of article 7 of the Act, to investigate complaints against warrant holders and firms;

b) to the Board in connection with the Board's duties and responsibilities set out in the Act, the Regulations, and any Directives (including for the avoidance of doubt, this Directive) issued thereunder;

c) as may otherwise be required by law.

Waivers

18. The Board, acting on the advice of the QAOC, may waive or relax any of the requirements of this Directive if it is satisfied that altering the requirements of the Directive will not result in any undue risk to all or any of the clients of any Firm or to the general public.

Compliance Principal

19. All firms are required to appoint a compliance principal.

Returns

20. All firms are required to provide such returns, statements or other information, as the QAOC may consider necessary and the said information shall be provided in such form and within such time frames as may be set by the QAOC.

21. All returns shall be subject to an internal desk-top review process and all firms are required to provide all such further details as may be requested as a result of the review.

22. The Board shall make available to the QOAC all returns, statements or other information from firms and shall grant to the QAOC access to the Board's database containing information extracted from such returns.

Periodic Visits

23. At its absolute discretion, the QAOC may:

a) jistabbilixxi l-għażla ta' detenturi ta' *warrant* ta' prattika pubblika u ta' ditti biex issirilhom viżta perjodika;

b) jistabbilixxi l-attivitajiet professjonali li għandhom jiġu riveduti;

c) jeħtieġ li jsir rapport fuq ir-riżultati tal-viżta;

d) jirrapporta lura lil xi ditta partikolari ir-riżultati tal-viżta.

24. Il-QAOC jista', wara li jirċievi u jikkunsidra dawk ir-rapporti:

a) jeħtieġ lil xi ditta tagħmel xi titjib fil-livelli professjonali tagħha;

b) jeħtieġ lil xi ditta tikseb sostenn u assistenza esterni biex timplimenta dak it-titjib;

ċ) jeħtieġ li ssir xi reviżjoni esterna minn terzi jew viżta ta' prosegwiment lil xi ditta;

d) jirrakkomanda lill-Bord il-ħruġ ta' ordni li tkun timponi dawk ir-restrizzjonijiet u / jew kundizzjonijiet għar-rigward ta' xi *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġ mill-Bord;

e) jagħti parir lill-Bord li fil-fehma tiegħu għandha ssir investigazzjoni skond paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att mill-kumitat dixxiplinari maħtur skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att ;

f) jirrakkomanda lill-Bord li tista' tkun meħtieġa azzjoni regolatorja urġentement fil-parametri stabbiliti mill-Bord, fejn tiġi dikjarata r-raġuni għall-ħtieġa ta' azzjoni urġenti.

Restrizzjonijiet u kundizzjonijiet

25. Il-Bord, li jaġixxi bil-parir tal-QAOC, jista' joħroġ ordni li tkun timponi dawk ir-restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet fuq il-mod kif ditta għandha tmexxi l-prattika tagħha jekk dan jikkunsidra li jkunu jeżistu xi ċirkostanzi minn dawk imsemmija hawn iżjed 'l isfel, jew li x'aktarx dawn ikunu jeżistu, u li r-restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet hawn iżjed 'l isfel kontemplati huma ġustifikati fiċ-ċirkostanzi:

a) id-ditta ma tkunx ħarset id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

b) id-ditta x'aktarx li ma tħarisx id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva fil-futur immedjat;

ċ) li d-ditta jkollha *warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew li jkollha tali *warrant* jew ċertifikat ta' prattika mingħajr restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet jista' jkollu effett

a) determine the selection of warrant holders in public practice and firms for a periodic visit;

b) determine the professional activities to be reviewed;

c) require the production of a report on the results of the visit;

d) report back to the particular firm the results of the visit.

24. The QAOC may, upon receipt and consideration of such reports:

a) require any firm to make improvements to its professional standards;

b) require any firm to seek external support and assistance to implement improvements;

c) require a third party external review or a follow up visit to any firm;

d) recommend to the Board the issue of an order imposing such restrictions and / or conditions in respect of any warrant or practising certificate issued by the Board;

e) advise the Board that in its opinion an enquiry should be held in terms of paragraph (a) of sub-article (1) of article 14 of the Act by the disciplinary committee appointed in terms of sub-article (4) of article 7 of the Act ;

f) recommend to the Board that regulatory action may be required urgently within the parameters set by the Board, stating the reason for the need for urgent action.

Restrictions and conditions

25. The Board, acting on the advice of the QAOC, may issue an order imposing such restrictions or conditions on the manner in which a firm conducts its practice if it considers that any of the circumstances mentioned below exist, or are likely to exist, and the restrictions or conditions contemplated below are justified in the circumstances:

a) the firm has not complied with the provisions of this Directive;

b) the firm is likely not to comply with the provisions of this Directive in the immediate future;

c) the holding by the firm of a warrant or practising certificate or the holding of such warrant or practice certificate without restrictions or conditions could have an adverse

kuntrarju fuq il-klijenti kollha jew fuq x'uħud minnhom jew fuq il-pubbliku ġenerali;

d) id-ditta ma tkunx għadha tissodisfa xi ħtieġa waħda jew aktar ta' eliġibilità biex tkun detentriċi ta' *warrant* jew ta' ċertifikat ta' prattika;

e) id-ditta ma tkunx ħarset l-obbligazzjonijiet ta' indennizz professjonali tagħha taħt l-Att jew taħt ir-regolamenti jew direttivi kollha maħruġin taħtu;

f) id-ditta tkun regolarment tardiva fil-preżentazzjoni ta' prospetti jew rapporti meħtieġa taħt l-Att, jew taħt ir-regolamenti jew direttivi kollha maħruġin taħtu;

ġ) id-ditta ma tkunx ħallset id-drittijiet annwali li għandhom jitħallsu skond din id-Direttiva jew xi pagament jew spejjeż oħra dovuti taħt din id-Direttiva jew xi direttiva oħra maħruġa mill-Bord, fi żmien 30 ġurnata minn meta tiġi notifikata b'avviż mill-Bord fejn tintalab tħallas dawk id-drittijiet, pagamenti jew spejjeż;

ħ) id-ditta ma tkunx ħarset xi restrizzjoni jew kundizzjoni imposta mill-QAOC jew mill-Bord taħt din id-Direttiva;

i) id-ditta ma tkunx ħarset xi disposizzjoni ta' l-Att, jew ta r-regolamenti jew direttivi kollha maħruġin taħtu.

26. Wara l-ħruġ ta' ordni skond il-paragrafu 25 t'hawn qabel, sa terminu ta' mhux iżjed minn ġimgħatejn (2) kalendarji wara dan, il-Bord ikun obbligat jikkonċedi lid-Ditta partikolari opportunità li tressaq l-ilmenti tagħha bil-fomm jew bil-miktub quddiemu. Wara li l-Bord jikkunsidra dawk l-ilmenti, dan jista' li jkun xieraq li:

a) jirtira jew ivarja l-ordni b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Bord; jew

b) iżomm l-ordni fis-seħħ.

27. Kull ditta li hi soġġetta għal xi att stabbilit skond il-paragrafu 24 jew paragrafu 25 hawn qabel, għandha tkun obbligata tħares għalkollox il-pattijiet ta' xi azzjoni, restrizzjoni jew kundizzjoni partikolari imposti fuqha f'perjodu ta' żmien raġonevoli li jiġi ffissat mill-QAOC. Jekk dik id-ditta partikolari tonqos milli tagħmel xi ħaġa f'dan ir-rigward, il-Bord, li jaġixxi bil-parir tal-QAOC, għandu jiġi interpellat biex jieħu dik l-azzjoni dixxiplinari u/jew regolatorja ulterjuri għar-rigward ta' dak in-nuqqas kif iqis li jkun xieraq.

Penali Regolatorji

28. Il-QAOC jista' jipproponi lil ditta l-imposizzjoni fuqha ta' penali regolatorja, bla ħsara għall-pattijiet u kundizzjonijiet li ġejjin:

effect on all or any of its clients or the general public;

d) the firm no longer fulfils one or more of the eligibility requirements for the holding of a warrant or practising certificate;

e) the firm has not complied with its professional indemnity obligations under the Act or under any regulations or directives issued thereunder;

f) the firm is regularly late in submitting any required returns or reports under the Act, or under any regulations or directives issued thereunder;

g) the firm has not settled the annual fees mandated by this Directive or any charge or costs due under this or any other Directive issued by the Board, within 30 days of the service of a notice by the Board requesting the settlement of any such fees, charges or costs;

h) the firm has not complied with any restriction or condition imposed by the QAOC or the Board under this Directive;

i) the firm has not complied with any provision of the Act, or of any regulations or directives issued thereunder.

26. After the issue of an order in terms of paragraph 25 above, within a period of not more than two (2) calendar weeks thereafter, the Board shall be obliged to grant to the particular Firm an opportunity to make oral or written representations thereto. Having considered any such representations the Board may deem fit to:

a) withdraw or vary the order with effect from such date as may be determined by the Board; or

b) retain the order in effect.

27. Any firm which is subjected to any act determined in terms of paragraph 24 or paragraph 25 above, shall be obliged to comply in full with the terms of the particular action, restriction or condition imposed thereon within a reasonable period of time fixed by the QAOC. Should any default be committed by the particular firm in this respect, the Board, acting on the advice of the QAOC, shall be entitled to take such further disciplinary and/or regulatory action in respect of such default as it may deem fit.

Regulatory Penalties

28. The QAOC may propose to a firm the imposition thereon of a regulatory penalty, subject to the following terms and conditions:

a) il-QAOC m'għandux ikun interpellat biex jipproponi l-imposizzjoni tal- penali regolatorja qabel ma d-ditta taqbel li jkun sar ksur tad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva minnha;

b) wara li tqis xi lmenti li jistgħu jsiru mid-ditta għar-rigward tal-penali u ta' kull data ta' ħlas, il-QAOC għandha tistabbilixxi l-ammont tal-penali u meta din għandha titħallas u dak l-ammont hekk stabbilit għandu jkun wieħed finali, konklużiv u m'hu soġġett għal ebda appell. Il-QAOC għandu jistabbilixxi dan bil-miktub permezz ta' ittra li jibgħat lid-ditta, fejn jipproponi l-imposizzjoni tal-penali:

Iżda l-penali għall-kontravenzjonijiet elenkati fi Skeda 1 ta' din id-Direttiva m'għandhiex teċċedi l-ammonti preskriti fl-iskeda msemmija;

ċ) jekk id-ditta taċċetta l-penali li tkun qegħda tiġi proposta li tiġi imposta fuqha mill-QAOC u l-pattijiet relattivi għal dan, il-QAOC għandha tirċievi konferma bil-miktub dwar dan sa żmien ġimgħatejn (2) kalendarji mid-data tan-notifika ta' l-ittra mill-QAOC fejn tkun qegħda ssir il-proposta, fil-każ li l-penali regolatorja proposta u l-pattijiet relattivi jsiru effettivi u vinkolanti fuq id-ditta, b'dan illi f'dak il-każ m'għandha tittieħed ebda azzjoni dixxiplinari ulterjuri għar-rigward tad-ditta;

29. Kull penali regolatorja li tiġi imposta mill-QAOC skond il-paragrafu 28 hawn qabel għandha titqies li tkun qegħda tiġi imposta direttament mill-Bord.

30. Meta ditta ma taqbilx li jkun sar xi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jew ma tinnotifikax li tkun qegħda taċċetta l-penali skond m'hemm fil-paragrafu 28(ċ) hawn qabel, jew tkunx taderixxi għalkollox mal-pattijiet tal-penali imposti fuqha mill-QAOC, il-QAOC għandu jinforma lill-Bord bil-ksur tad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jirrakkomanda li għandha tittieħed azzjoni dixxiplinari għar-rigward tad-ditta partikolari skond l-artikolu 14 ta' l-Att.

31. L-applikazzjoni mill-QAOC tal-paragrafi 28 u 29 hawn qabel imsemmija għandha tkun bla ħsara għall-ħruġ minn qabel mill-Bord ta' linji gwida bil-miktub li jispeċifikaw il-mod kif għandhom jiġu imposti l-Penali Regolatorji. Kull devjazzjoni minn dawn il-linji gwida tkun teħtieġ l-approvazzjoni mogħtija minn qabel bil-miktub tal-Bord.

Restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet għar-rigward ta' warrants u ċertifikati ta' prattika

32. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva, il-Bord jista' joħroġ ordni li timponi restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet għar-rigward ta' xi *warrant* jew ċertifikat ta' prattika meta, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-QAOC, din tkun tal-fehma li jkunu jeżistu jew jistgħu jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha jew x'uħud minnhom imsemmija fil-paragrafu 25 hawn qabel.

a) the QAOC shall not be entitled to propose the imposition of the regulatory penalty before the firm agrees that a breach of the provisions of this Directive has been committed thereby;

b) after considering any representations made by the firm in respect of the penalty and the payment date(s), the QAOC shall determine the quantum of the penalty and when it is to be paid and this determination shall be final, conclusive and not subject to appeal. The QAOC will set this out in writing in the letter sent thereby to the firm, proposing the imposition of the penalty:

Provided that the penalties for the breaches listed in Schedule 1 hereof shall not exceed the amounts prescribed in the said schedule;

c) if the firm accepts the penalty which is being proposed for imposition thereon by the QAOC and the relative terms thereof, written confirmation in this sense must be received by the QAOC within a period of two (2) calendar weeks from the date of service of the letter from the QAOC containing the proposal, in which case the proposed regulatory penalty and the relative terms shall become effective and binding on the Firm, so however that in such case no further disciplinary action shall be taken in respect of the Firm;

29. Any regulatory penalty which is imposed by the QAOC in terms of paragraph 28 above shall be deemed to be imposed directly by the Board.

30. If a firm does not agree that a breach of the provisions of this Directive has been committed, or does not notify its acceptance of the penalty as set out in paragraph 28(c) above, or does not fully adhere to the terms of the penalty imposed thereon by the QAOC, the QAOC shall inform the Board of the breach of the provisions of this Directive and recommend that disciplinary action should be taken in respect of the particular firm in terms of article 14 of the Act.

31. The application by the QAOC of paragraphs 28 and 29 above shall be subject to the prior issue by the Board of written guidelines detailing the manner in which Regulatory Penalties shall be imposed. Any deviations from these guidelines shall require the prior written approval of the Board.

Restrictions or conditions in respect of warrants and practising certificates

32. Without prejudice to the other provisions of this Directive, the Board may issue an order imposing restrictions or conditions in respect of any warrant or practising certificate where, on the recommendation of the QAOC, it is of the view that all or any of the circumstances referred to in paragraph 25 above exist or may exist.

33. Wara l-ħruġ ta' ordni li timponi restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet skond il-paragrafu 32 hawn qabel, sa żmien mhux iżjed minn ġimgħatejn (2) kalendarji wara dan, il-Bord ikun obbligat jagħti lid-ditta opportunità li tagħmel l-ilmenti tagħha bil-fomm jew bil-miktub lill-istess Bord. Wara li l-Bord jikkunsidra dawk l-ilment, dan jista' jara li jkun xieraq li:

a) jirtira jew ivarja l-ordni b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Bord; jew

b) iżomm l-ordni fis-seħħ .

Investigazzjonijiet skond l-artikolu 14 ta' l-Att

34. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva, iċ-ċirkostanzi msemmja fil-paragrafu 25 hawn qabel jinkwadraw fil-kuntest tal-paragrafi (i) sa (iv) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att. Jekk il-Bord ikun iqis li jkunu jeżistu jew jistgħu jeżistu x'uħud miċ-ċirkostanzi msemmija għar-rigward ta' xi Ditta, il-Bord jista' jordna li tinżamm investigazzjoni, skond il-mżura ta' urġenza meħtieġa, mill-kumitat dixxiplinari maħtur taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att u minbarra minn kull penali kontemplata xort'oħra f'din id-Direttiva, il-penali kontemplata fl-Att tista' tiġi imposta fuq id-Ditta partikolari meta din tinsab ħatja ta' l-atti jew ommissjonijiet partikolari skond il-liġi.

Dispensa

35. Jekk ma jkunx possibbli jew prattiku li xi ditta tikkonformaruħhama'xiwaħdaminndawnid-disposizzjonijiet, ikun meta jkun, hija tkun obbligata tavża lill-QAOC b'dan bil-miktub. Tali notifika għandha tasal għand il-QAOC sa żmien ġimgħatejn (2) kalendarji mid-data meta tkun oriġinat is-sitwazzjoni partikolari u għandha tispeċifika r-raġunijiet għaldaqstant u l-azzjoni li d-ditta tkun qegħda tipproponi li tieħu sabiex terġa' lura għal sitwazzjoni ta' konformità sħiħa mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

36. Jekk il-QAOC jistabbilixxi li d-ditta tkun qegħda tieħu l-passi prattiċi kollha meħtieġa sabiex issolvi l-problema u li jekk xi ditta partikolari li jkollha *warrant* jew ċertifikat ta' prattika din tista' tibqa' żżommhom u dan ma jkunx imur kontra l-interess pubbliku, il-QAOC jista' jagħti dispensa mill-ħtieġa li jkun hemm konformità ma' xi disposizzjoni jew mad-disposizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għal dak il-perjodu ta' żmien li l-QAOC iqis li jkun adatt, b'dan illi dak il-perjodu m'għandu f'ebda każ ikun ta' iżjed minn (90) ġurnata mid-data meta tkun oriġinat is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 35 hawn qabel. Jekk il-QAOC ma tkunx sodisfatta bil-passi li jkunu qegħdin jiġu adottati jew jiġu proposti li jiġu adottati mid-ditta biex tiġi riżolta l-problema, dan jista' jirrakkomanda lill-Bord li dan jieħu dik l-azzjoni li dan jista' jqis li tkun hekk adatta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, tar-Regolamenti u ta' din id-Direttiva.

33. After the issue of an order imposing restrictions or conditions in terms of paragraph 32 above, within a period of not more than two (2) calendar weeks thereafter, the Board shall be obliged to grant the firm an opportunity to make oral or written representations thereto. Having considered any such representations the Board may deem fit to:

a) withdraw or vary the order with effect from such date as may be determined by the Board; or

b) retain the order in effect.

Enquiries in terms of Article 14 of the Act

34. Without prejudice to the other provisions of this Directive, the circumstances referred to in paragraph 25 above fall within the terms of paragraphs (i) to (iv) of sub-article (1) of article 14 of the Act. If the Board considers that any of the said circumstances exist or may exist in respect of any Firm, the Board may order an enquiry to be held, with the required degree of urgency, by the disciplinary committee appointed under sub-article (4) of article 7 of the Act and apart from any penalties contemplated elsewhere in this Directive, the penalties contemplated in the Act may be imposed on the particular Firm where it is found guilty of the particular acts or omissions in terms of law.

Dispensation

35. If it is impossible or impractical for any firm to comply with any of these provisions at any time, it shall be obliged to notify the QAOC in writing. Such notification must be received by the QAOC within a period of two (2) calendar weeks from the date from when the particular situation arose and it must specify the reasons therefore and the action which the firm proposes to take in order to return to a situation of full compliance with the provisions of this Directive.

36. If the QAOC determines that the firm is taking all practical steps required to resolve the problem and that the continued holding by the particular firm of any warrant or practising certificate would not be against the public interest, it may grant a dispensation from the requirement to comply with any or all provisions of this Directive for such period of time as the QAOC deems fit, so however that such period shall in no case exceed ninety (90) days from the date when the situation referred to in paragraph 35 above arose. If the QAOC is not satisfied with the steps being adopted or proposed to be adopted by the Firm to resolve the problem, it may recommend to the Board the taking of such action as it may deem fit in terms of the provisions of the Act, the Regulations and this Directive.

Responsabbiltà kontinwata

37. Jekk ditta ma jkunx għad ikollha *warrant* u/jew ċertifikat ta' prattika, xorta tista' tittieħed azzjoni dixxiplinari għar-rigward tad-ditta u/jew is-soċji kollha jew x'uħud mis-soċji tagħha, għal kull nuqqas tagħha li tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva matul il-żmien li din kellha tali *warrant* u/jew ċertifikat ta' prattika. Għandha ditta tkun ukoll soġġetta għal azzjoni dixxiplinari sussegwenti jekk din tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi dosposizzjoni li jkollha effett kontinwat ukoll wara li d-ditta ttemm milli jkollha tali *warrant* u/jew ċertifikat ta' prattika. Iktar minn hekk id-dritt li għandu l-Bord li jirkupra drittijiet li ma jkunux ġew imħallsa jew ammonti oħra dovuti mid-ditta taħt id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikomplu jissussistu wkoll wara li d-ditta ma tibqax aktar iżżomm dak il-*warrant* u/jew ċertifikat ta' prattika partikolari.

Continuing responsibility

37. If a firm no longer holds a warrant and/or practising certificate, disciplinary action may still be taken in respect of the Firm and/or all or any of the partners thereof, for any failure to comply with the provisions of this Directive during the time in which it held any such warrant and/or practising certificate. A firm shall also be subject to subsequent disciplinary action if it fails to comply with any provision having a continuing effect even after the firm ceases to hold such warrant and/or practising certificate. Furthermore the Board's right to recover any unpaid fees or other amounts due from a firm under the provisions of this Directive shall continue to subsist even after the firm ceases to hold the particular warrant and/or practising certificate.

L-implimentazzjoni ta' ordnijiet

38. Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' din id-Direttiva, ordni magħmula mill-QAOC jew mill-Bord taħt din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ malli din tiġi notifikata lid-ditta partikolari jew f'dik id-data li tiġi wara li l-QAOC jew il-Bord (skond il-każ) jistgħu jispeċifikaw.

The implementation of orders

38. Subject to any other provision of this Directive, an order made by the QAOC or the Board under this Directive shall enter into effect as soon as notice thereof is served on the particular firm or at such later date as the QAOC or the Board (as the case may be) may specify.

Notifika ta' avviż

39. Avviż jew xi dokument ieħor li għandu jiġi notifikat taħt dawn ir-regolamenti għandu jitwassal bl-idejn, jew inkella jintbagħat permezz ta' posta reġistrata. F'dan ir-rigward għandu japplika dan li ġej:

The serving of notice

39. A notice or any other document to be served under these regulations shall be delivered by hand, or sent by registered mail. In this respect the following shall apply:

a) Jekk jiġi mwassal bl-idejn, dak l-avviż jew dokument ieħor għandu jingħata lill-prinċipal tad-ditta u għandha titqies li tkun saret in-notifika tiegħu malli dak id-dokument jingħata lil dak l-prinċipal.

a) If delivered by hand, the said notice or other document must be handed to a principal of the firm and service thereof shall be deemed to have been effected as soon as such document is handed to the said principal.

b) Jekk jintbagħat bil-posta reġistrata, dak l-avviż jew dokument ieħor għandu jiġi indirizzat lill-prinċipal tad-ditta u jintbagħat fl-aħħar indirizz mogħti mid-ditta lill-Bord; għandha titqies li tkun saret in-notifika tiegħu ħamest ijiem tax-xogħol wara d-data meta jiġi impustat dak l-avviż jew dokument partikolari ieħor.

b) If sent by registered mail, the said notice or other document shall be addressed to a principal of the firm and be sent to the latest address given by the firm to the Board; service thereof shall be deemed to have been effected five business days after the date on which the particular notice or other document is posted.

Drittijiet

40. Id-detenturi ta' *warrant* ta' prattika pubblika u d-ditti għandhom iħallsu dritt regolatorju annwali għal kull sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara, skond il-lista ta' drittijiet preskritti fi Skeda 2.

Fees

40. Warrant holders in public practice and firms shall be required to pay an annual regulatory fee for each calendar year commencing on or after the 1 January 2007, in accordance with the list of fees prescribed in Schedule 2.

41. Il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammont tad-dritt regolatorju annwali u l-mod kif jiġi kalkulat dak id-dritt għandu jkun tali li jkopri għalkollox jew f'parti minnu l-ispejjeż diretti u indiretti tal-proċess ta' Reviżjoni ta' Kwalità.

41. The Board shall determine the quantum of the annual regulatory fee and the manner in which such fee is calculated shall be such as to cover in whole or in part the direct and indirect costs of the Quality Review process.

42. Ditta għandha tħallas dritt addizzjonali bir-rata ta' Lm15 fis-siegħa għal kull persuna biex dan ikun ikopri l-

42. A firm shall pay an additional fee charged at the rate of Lm15 per man hour to cover the costs of any visit

ispejjeż ta' viżta li l-QAOC iqis li tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat li d-ditta tkun qegħda topera skond kull *standard* professjonali meħtieġ:

Iżda is-siegħat kalkulati fil-ħlas għal dik il-viżta għandhom ikunu limitati għal dak li jkun raġonevolment meħtieġ biex jinkiseb l-iskop tal-viżta.

Skeda 1
Penali li jirrigwardaw l-Assikurazzjoni ta' Kwalità

Il-penali regolatorji għal dawn il-kontravenzjonijiet li ġejjin m'għandhomx jeċċedu dawn l-ammonti li ġejjin:

Skedar mill-ġdid ta' viżta ta' reviżjoni mingħajr raġuni ġustifikabbli	Lm100
Meta ma tintbagħtx risposta għal noti ta' minuti konklużivi ippreżentati minn reviżuri QAU fi żmien 14-il ġurnata	Lm10 għal kull jum
Dewmien fil-ħlas ta' drittijiet u prospetti dovuti	Lm10 għal kull jum
Meta ma jiġux ippreżentati d-dokumenti meħtieġa mill-QAOC fiż-żmien stipulat	Lm10 għal kull jum
Meta ma jingħatax aċċess għal informazzjoni skond il-paragrafu 16	Lm10 għal kull jum
Meta ma tingħatax risposta lil QAOC dwar xi azzjoni ta' rimedju li tkun meħtieġa	Lm10 għal kull jum

Skeda 2
Dritt Regolatorju li jirrigwarda Assikurazzjoni ta' Kwalità

Id-drittijiet regolatorji għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Għal ditti li jkollhom ħames prinċipali jew aktar	Lm2,400
Għal ditti li jkollhom anqas minn ħames iżda aktar minn tliet prinċipali	Lm700
Għal ditti li jkollhom anqas minn tliet prinċipali iżda aktar minn prinċipal wieħed	Lm250
Għal eżerċitanti uniċi *full time*	Lm100
Għal eżerċitanti uniċi *part time*	Lm50

which the QAOC considers to be required to ensure that the firm is operating to the required professional standards.:

Provided that the hours charged for such visit shall be limited to what is reasonably required to achieve the purpose of the visit.

Schedule 1
Quality Assurance Penalties

The regulatory penalties for the following breaches shall not exceed the following:

Re-scheduling of review visit without justifiable reason	Lm100
Failure to send response to closing minute notes presented by QAU reviewers within 14 days	Lm10 per day;
Delays in submission of fees and returns due	Lm10 per day
Failure to submit documentation requested by the QAOC within the specified time	Lm10 per day
Failure to provide access to information in terms of paragraph 16	Lm10 per day
Failure to respond to the QAOC on requested remedial action	Lm10 per day

Schedule 2
Quality Assurance Regulatory Fee

The regulatory fees shall be the following:

For firms with five or more principals	Lm2,400
For firms with less than five but more than three principals	Lm700
For firms with less than three but more than one principal	Lm250
For full time sole practitioners	Lm100
For part time sole practitioners	Lm50

Nru. 729

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Ħtiġiet dwar Standards u Prattika li japplikaw għal Bulettini ta' l-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti

Titolu

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika li japplikaw għal Bulettini ta' l-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti.

TAQSIMA 1
Introduzzjoni

1. Daħla

1.1. L-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Att ta' l-1991 dwar ix -Xandir, kif emendat, illum Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel l-Awtorità tax-Xandir l-għassies legali ta' l-imparzjalità u r-reqqa fl-aħbarijiet u fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

1.2. Ix-xandara tar-radju u tat-televiżjoni jridu jħejju u joħorġu bir-reqqa kollha meħtieġa, rapporti ta' aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

1.3. L-Awtorità trid tara wkoll li xandar jibqa' jżomm imparzjalità sħiħa fejn jidħlu ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien.

1.4. Għandu jitħares u jkun stmat il-jedd tal-ħajja privata u familjari kif ukoll id-dritt tal-kelma u tat-tagħrifa ħielsa.

1.5. L-Awtorità tax-Xandir għandha tiżgura li kulma hu maħsub f 'dan id-dokument jkun jaqbel mal-prinċipji mniżżla fil-Kostituzzjoni u ma' l-istrumenti legali li jwettquhom.

1.6. Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru millAwtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ixXandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

TAQSIMA 2
Tifsir u Tfehim

2. Tifsir u Tfehim

2.1. *L-Aħbar*
2.1.1. L-uniku kriterju biex tiddaħħal xi ħaġa

No. 729

BROADCASTING ACT
(CAP. 350)

Requirements as to Standards and Practice applicable to News Bulletins andCurrent Affairs Programmes

Citation

The title of these requirements is the Requirements as to Standards and Practice applicable to News Bulletins and Current Affairs Programmes.

SECTION 1
Introduction

1. Preamble

1.1. The Broadcasting Authority is the legal guardian over the impartiality and accuracy of news and current affairs programmes in terms of article 119 of the Constitution of Malta as well as the Broadcasting Act of 1991, as amended, now Chapter 350 of the Laws of Malta.

1.2. Radio and television broadcasters are required to provide news and current affairs programmes that should be presented with due accuracy.

1.3. The Authority has to ensure that a broadcaster preserves due impartiality in respect of matters of political or industrial controversy or current public policy.

1.4. The right for private and family life and the right of freedom of expression and information should be preserved and respected.

1.5. The Broadcasting Authority must seek to ensure that the provisions of this document are consistent with the principles of the Constitution and applicable legal instruments.

1.6. These Requirements as to Standards and Practice have been made by the Broadcasting Authority in virtue of article 20(3) of the Broadcasting Act, Chapter 350 of the Laws of Malta.

SECTION 2
Definitions and Interpretations

2. Definitions and Interpretations

2.1. *News*
2.1.1 The sole criterion for the inclusion of any item

f'rapport ta' l-aħbarijiet irid ikun is-siwi tagħha bħala aħbar. L-aħbar nistgħu nfissruha bħala notizzja, tagħrifa ta' ġrajja ġdida jew li għadha kif seħħet. Il-valuri li l-aktar jissemmew ta' l-aħbar huma dawk ta': kemm tkun f'waqtha jew fil-qrib, kemm tispikka jew hi kbira, l-impatt li jkollha, it-taħwid li taqla' u wkoll l-istramberija tagħha.

2.1.2 Xandar jista' jressaq siltiet għall-aħbarijiet dwar kull xorta ta' suġġett li jagħżel. Din l-għażla ħielsa marbuta mal-qadi tad-dmir li jiżgura s-sens tal-ħaqq u l-ħarsien tas-sewwa.

2.1.3 Minkejja dan, jistgħu biss isiru kummenti sakemm:

i. ikollhom x'jaqsmu direttament ma' l-iżvilupp ta' l-istorja;

ii. ikunu preċiżi, fattwali u etikament korretti;

iii. ikunu bilanċjati; u

iv. jinstemgħu l-ideat ta' min jifhem skond xi jkun is-suġġett ta' l-aħbar.

2.1.4 Il-Kap ta' l-Aħbarijiet fid-dmir jiddeċiedi dwar dak li għandu siwi ta' aħbar.

2.2 *L-Interess Pubbliku*

2.2.1 L-interess pubbliku ma għandux jingħalaq f'tifsir limitat u ristrett. Meta xi ħaġa, tant tolqot il-biċċa l-kbira tan-nies li tqajmilhom tabilħaqq interess jew tħassib dwar dak li jkun qed jiġri, jew x'jista' jseħħ lilhom jew lill-oħrajn, hemm imbagħad tkun iva xi ħaġa ta' interess pubbliku li kulħadd ikollu l-jedd jgħaddi kumment għaqli dwarha.

2.2.2 Kull għemil li jitlob ħarsien ta' l-interess pubbliku jrid jintqies ma' kemm jaqdi l-interess għal dak il-waqt. Xi eżempji dwar kif il-medja tista' taqdi l-interess pubbliku huma:

i. l -istħarriġ u l-kxif ta' xi delitt jew reat ieħor serju;

ii. il -ħarsien tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà tal-ħajja;

iii. ma tħallix il-pubbliku jitgħallat b'xi dikjarazzjoni jew għemil minn xi ħadd jew xi għaqda;

iv. il-kxif ta' nuqqasijiet kbar ta' ħila f'karigi pubbliċi.

2.2.3 Tinħtieġ tingħata attenzjoni speċjali fejn jidħlu t-tfal, u nies oħra aktarx dgħajfa (bħalma huma l-anzjani, nies b'diżabilità eċċ.) biex ikollhom protezzjoni

in a news bulletin is its news value. News can be defined as tidings, new i nformation or fresh information. News values usually cited include: timeliness, proximity, prominence, magnitude, impact, conflict and oddity.

2.1.2 A broadcaster may produce news items about any subject or issue he/she chooses. This freedom of choice is subject to the fulfilment of the obligations to ensure fairness and respect for truth.

2.1.3 This notwithstanding, comments are considered to be admissible as long as:

i. they are directly connected with the unfolding story;

ii. they are accurate, factual and ethical;

iii. they are balanced; and

iv. depending on the nature of the news item, informed opinions are sought.

2.1.4 It is the responsibility of the Head of News to decide what constitutes news value.

2.2. *Public Interest*

2.2.1 Public interest is not to be confined within narrow limits. Whenever a matter is such as to affect people at large, so that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or others; then it is a matter of public interest on which everyone is entitled to make fair comment.

2.2.2 Any act that relies upon a defence of public interest must be proportional to the actual interest served. Examples of how the public interest may be served by the media include:

i. detecting or exposing crime or a serious misdemeanour;

ii. protecting public health and safety;

iii. preventing the public from being misled by some statement or action of an individual or organisation;

iv. exposing significant incompetence in public office.

2.2.3 The involvement of minors and other vulnerable persons (such as the elderly, disabled persons, etc.) requires special attention so as to provide for their

xierqa u ħarsien minn kull ħsara. Meta jkun hemm imdeffsin iż-żgħar, ix-xandara jridu jqisu l-ewwel u fuq kollox is-saħħa fiżika, mentali u emozzjonali tagħhom. L-edituri ta' l-aħbarijiet iridu juru interess pubbliku eċċezzjonali li jisboq l-interess ewlieni li dawn in-nies normalment jistħoqqilhom.

2.2.4 Ir-responsabbiltà li tiġġustifika kull tbegħid mill-ħtiġiet imsemmija f'dan id-dokument għal raġunijiet ta' interess pubbliku għandha taqa' kollha fuq il-ġurnalista u x-xandar.

2.3 *Ġrajjiet Kurrenti*

2.3.1 Għall-iskopijiet ta' dan id-dokument "Ġajjiet Kurrenti" (Current Affairs) tfisser programm li jkun fih spjega u/jew analiżi ta' ġrajjiet u argumenti ta' llum, kif ukoll materjal li jkollu x'jaqsam ma' kontroversji politiċi u/jew industrijali jew mat-tifsil tax-xejra pubblika. Il-programmi jridu jippreżentaw lis-semmiegħa u lit-telespettaturi argumenti intelliġenti u informattivi dwar x'inhu għaddej b'mod li jgħinuhom jaslu għall-konklużjonijiet personali tagħhom. Dan jista' jinkiseb bit-tħejjija ta' programmi ta' ġrajjiet kurrenti li jaħsbu biex jeżaminaw fil-fond dak li jkun hemm wara l-ġrajjiet, jagħtu tagħrif, analiżi esperta, kumment infurmat u lok għal diskussjoni miftuħa.

2.4 *Ix-Xandar*

2.4.1 Kull individwu jew kumpanija li għandu/ha l-liċenza skond il-kondizzjonijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir tat-televiżjoni jew tar-radjo jissejjaħ xandar. Ix-xandar għandu r-responsabbiltà jiżgura li l-impjegati ta' l-istazzjon, bil-ġurnalisti, bl-edituri, bil-produtturi u bil-preżentaturi kollha jimxu skond dan id-dokument.

2.5 *Il -Kap ta' l-Aħbarijiet*

2.5.1 Kull referenza f'dan id-dokument għall-Kap ta' l-Aħbarijiet tfisser, bla ebda preġudizzju għar-responsabbiltà ta' l-editur skond l-Att dwar l-Istampa, dak l-individwu fdat bir responsabbiltà legali għall-kamra ta' l-aħbarijiet ta' l-istazzjon tax-xandir konċernat. Dan irid iwieġeb għal kull deċiżjoni li tittieħed dwar il-kontenut tar-rapporti ta' l-aħbarijiet u/jew programmi ta' ġrajjiet kurrenti imxandra mill-istazzjon tiegħu.

2.6 *Minorenni*

2.6.1 Għall-għanijiet tad-disposizzjonijiet ta' dan id-dokument "minorenni" tfisser xi ħadd li għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena.

2.7 *Kariga Pubblika*

2.7.1 Jintqies li għandu kariga pubblika kull min għandu impjieg pubbliku, kull min hu f'kariga pubblika magħrufa kif ukoll dawk kollha li għalkemm mhux uffiċjali pubbliċi jafhom kulħadd bħalma huma presidenti jew membri ta' xi korporazzjonijiet pubbliċi jew kumpaniji tal-gvern, uffiċjali ta' trade unions, ta' għaqdiet ta' min iħaddem jew ta' xi organizzazzjoni oħra bħal dawn, kif ukoll l-awtoritajiet tal-Knsija.

protection and safety. When minors are involved broadcasters should treat their physical, mental and emotional health as being of paramount importance. News editors should demonstrate an exceptional public interest to override the normally paramount interest of these persons.

2.2.4 The onus shall be upon the journalist and broadcaster concerned to justify any departure from the requirements indicated in this document on the grounds of public interest.

2.3. *Current Affairs*

2.3.1 For the purposes of this document, "Current Affairs" means a programme which contains explanation and/or analysis of current events and issues, including material dealing with political or industrial controversy or with public policy. Programmes should offer viewers and listeners an intelligent and informed account of issues that enables them to form their own views. This is achieved by current affairs programming which examines in depth the background of events, providing information, expert analysis, informed comment and open discussion.

2.4. *Broadcaster*

2.4.1 A broadcaster is any person or company licensed in terms of the Broadcasting Act to broadcast by radio or television. The broadcaster shall be responsible for ensuring compliance with the provisions of this document by the station's staff, including journalists, editors, producers and presenters.

2.5 . *Head of News*

2.5.1 Without prejudice to the editorís responsibility under the Press Act, any reference in this document to the Head of News means the person entrusted with the legal responsibility for the newsroom of the broadcasting station concerned. Such person shall be answerable for any decisions taken concerning the content of news bulletins and /or current affairs programmes transmitted by the said station.

2.6. *Minor*

2.6.1 For the purposes of the provisions of this document, a "minor" is a person who has not yet reached the age of 18.

2.7 . *Public Capacity*

2.7.1 Public capacity includes persons holding public offices, public figures and other persons who although not public officers are in the public limelight such as chairpersons and members of public corporations and government owned companies, officials of trade unions, employers associations and other similar organisations, and Church authorities.

TAQSIMA 3
L-Integrità u r-Responsabbiltà tax-Xandar

3. L-Integrità u r-Responsabbiltà tax-Xandar

3.1 Il-ġurnalisti u x-xandara jridu jħarsu l-integrità u l-kredibbiltà tagħhom biex għemilhom ikun ħieles u maqtugħ minn kull setgħa li tista' tinfluwenzahom iżżejjed u ttellfilhom għażla ħielsa u xierqa.

3.2 Uffiċjali ta' partit politiku, organizzazzjonijiet li jħabirku jew gruppi li jistinkaw biex jipperswadu lil ħaddieħor ma għandhomx ikunu involuti fil-ġbir ta' aħbarijiet, fil-produzzjoni u l-preżentazzjoni ta' aħbarijiet jew programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

3.3 Għajnuna finanzjarja qatt ma għandha tinfluwenza l-ħidma editorjali, il-kontenut u l-preżentazzjoni. Ġurnalista ma għandux jaċċetta kummissjonijiet jew iċedi għal min qed ifittex biex jirreklama għal skopijiet kummerċjali. Ma għandhomx jitwiegħdu favuri editorjali għal xi reklami mogħtija.

3.4 Kull żball irid jiġi rikonoxxut u korrett, malajr u pubblikament.

SECTION 3
Integrity and Responsibility of the Broadcaster

3. Integrity and Responsibility of the Broadcaster

3.1 Journalists and broadcasters must guard their own integrity and credibility in order to be able to act freely and independently of forces which may exert undue influence and impair free and balanced judgement.

3.2 Officials in a political party, campaigning organisation or lobby group, should not be involved in newsgathering, production and presentation of news and current affairs programmes.

3.3 Sponsorship should never influence editorial activity, contents and presentation. Journalists must not accept commissions or give in to those seeking publicity for commercial purposes. Editorial favours must not be promised in return for advertisements.

3.4 Errors must be quickly acknowledged and publicity corrected.

TAQSIMA 4
Rapporti ta' Aħbarijiet

Il-ħtiġiet imsemmija fit-taqsimiet 6, 8, 9, 10 u 11 hawn taħt huma esegwibbli skond l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir. Id disposizzjonijiet tal-liġi dwar l-akkuratezza u l-imparzjalità huma fis-seħħ skond l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l artikolu 13 ta' l-Att dwar ix-Xandir.

4. Akkuratezza u Imparzjalità

4.1 Il-ħsieb individwali għandu jintgħaraf sewwa mill-ġrajja.

4.2 L-Att tax-Xandir jitlob li l-Awtorità tax-Xandir tiżgura l-imparzjalità tax-xandar meta jirrapporta l-aħbarijiet l-aktar fejn jidħol dak li għandu x'jaqsam ma' kontroversja politika jew industrijali jew policy pubblika kurrenti.

4.3 Xandar irid jiżgura li l-elementi ewlenin ta' ideat opposti jridu jidhru f'rapport wieħed ta' aħbarijiet meta din tkun kontroversja ħajja mill-ġrajjiet kurrenti. Meta f'rapport wieħed ta' aħbarijiet ma jkunx possibbli li jidhru l-fehmiet kollha ta' kull naħa, l-editur ikollu jiddeċiedi hu, b'għaqal, x'għandu jsir.

4.4 Xandar ma għandu ebda jedd jippilla li r-rapporti ta' l-aħbarijiet minn stazzjonijiet oħra jistgħu

SECTION 4
News Bulletins

The Requirements listed in sections 6, 8, 9, 10 and 11 below are enforceable in terms of article 20(3) of the Broadcasting Act. Legal provisions on due accuracy and impartiality are in force in terms of article 119 of the Constitution of Malta and article 13 of the Broadcasting Act.

4. Accuracy and Impartiality

4.1 Opinion should be clearly distinguished from fact.

4.2 The Broadcasting Act demands that the Broadcasting Authority secures due impartiality on the part of a broadcaster in its news bulletins so far as matters of political or industrial controversy or current public policy are concerned.

4.3 A broadcaster should ensure that principal divergent points are reflected in a single news bulletin when the issue involved is of a current and active controversy. Editorial judgement can be used when it is not possible to include all views in a single news bulletin.

4.4 It shall not be permissible for the broadcaster to claim that news bulletins on other channels will ensure

jiżguraw li fihom jinstemgħu fehmiet opposti. Rapport ta' l-aħbarijiet għandu jkollu tiżwiqa ta' rapporti attivi u passivi. Ma għandux jidher qisu xi bord ta' l-avviżi u, forsi l-aktar importanti, parti minn magna tal propaganda ta' xi organizzazzjoni.

4.5 Xandar irid ikun żgur li meta jittratta affarijiet ta' kontroversja kbira irid jagħmel ħaqq lill-medda sħiħa ta' fehmiet u perspettivi li ma jkunx hemm qbil dwarhom waqt li l-istess kontroversja tkun għaddejja.

4.6 Fejn tidħol kontroversja politika jew industrijali jew policy pubblika kurrenti, l-Att tax-Xandir jitlob li l-aħbarijiet, jingħataw kif jingħataw, iridu jkunu preżentati bir-reqqa u bl-imparzjalità xierqa kollha.

4.7 Kull rapport ta' l-aħbarijiet irid jilħaq dawn l-għanijiet:

i. l-aħbarijiet iridu jingħadu b'reqqa u bla preferenzi;

ii. l-aħbarijiet ma għandhomx ikunu editorjali;

iii. l-aħbarijiet ma għandhomx jintgħażlu biex jintlaħaq xi skop għal, jew ifixkel lil, ebda naħa f'kontorversja pubblika; u

iv. l-aħbarijiet ma għandhomx jitfasslu fuq it-twemmin, l-ideat jew ix-xewqat ta' min imexxi l-istazzjon jew ta' xi oħrajn li jkunu mqabbda bit-tħejjija jew ix-xandir tagħhom.

4.8 Aħbar trid tkun ġrajja li seħħet jew mibnija fuq fatti li ġraw. Stħajjil, tagħwiġ, tiżwiq, ħsibijiet, fehmiet jew twemmin personali ma għandhomx jitħallew jingħadu, kemm jekk meqjusa bħala kummenti kif ukoll bħala opinjonijiet kif ukoll jekk għandhom jew ma għandhomx x'jaqsmu ma' dak li jkun għaddej jew ukoll għaliex biss jistgħu - u kultant ikunu - qed jidħku bis semmiegħ u jwasslu għat-taħwid jekk l-hekk imsejjaħ kumment/opinjoni hux dak li l-istazzjon/xandar ħaseb jew ħareġ mill-fatt li jkun qed jiġi rappurtat.

4.9 Opinjonijiet editorjali għandhom jintwerew ċar x'inhuma u jinżammu maqtugħin mix-xandir regolari ta' rapporti ta' l-aħbarijiet.

4.10 Ma jistax jittalla' taħlit ta' aħbarijiet nofsu mibni, nieqes mill -preċiżjoni u kultant marbut jew imżewwaq b'kummenti partiġani.

that opposing views will be heard. A news bulletin should consist. of a mix of active and passive reports. It should avoid looking like a notice board and, more importantly, as if it forms part of an organization's propaganda machine.

4.5 In dealing with major matters of controversy, a broadcaster must ensure that justice is done to a full range of divergent views and perspectives during the period in which the controversy is active.

4.6. Regarding matters of political or industrial controversy or current public policy, the Broadcasting Act requires that any news, given in whatever form, must be presented with due accuracy and impartiality.

4.7 A news bulletin should comply with the following standards:

i. news should be presented with accuracy and without bias;

ii. news should not be editorial;

iii. news should not be selected for the purpose of furthering or hindering either side of a controversial public issue; and

iv. news should not be designed by the beliefs, opinions or desires of the broadcaster or others engaged in its preparation or delivery.

4.8 A news item has to be factual or at the very least based on fact. Conjectures, distortions, remarks, opinions, judgements or convictions should not be allowed whether they are termed as comments or opinions and whether they are related to the item in question or not simply because they can - and usually do - mislead the audience and lead to confusion as to whether the so-called comment/opinion is what the station/newscaster thinks or whether it resulted from the fact being reported.

4.9 Editorial opinion shall be clearly labelled as such and kept entirely distinct from regular broadcasts of news bulletins.

4.10 Combinations of semi-fabricated news items, without care for accuracy solely aimed for partisan propaganda shall be prohibited.

TAQSIMA 5
Rapporti minn fuq il-Post

5. Rapporti minn fuq il-Post

5.1 Meta jsiru rapporti minn fuq il-post il-ġurnalist jitħalla jgħaddi kumment ħieles, jagħti deskrizzjoni jew opinjoni professjonali bla preġudizzju dwar xi ħaġa li tkun ġrat, jew ukoll interpretazzjoni qasira biex tintwera aħjar jew tiftaħ aktar il preżentazzjoni ta' storja tal-bidu, sakemm ma jkunx hemm ksur ta' standards jew ta' ħtiġiet ta' prattika msemmija f'dan id-dokument jew linji gwida oħra intenzjonati għall-ġurnalisti, kemm jekk huma ta' l-Awtorità jew mod ieħor.

5.2 Waqt rapporti minn fuq il-post trid tingħata attenzjoni speċjali għall-korrettezza, nuqqas ta' preġudizzju, ebda taħlit bejn l-aħbar u l-kumment editorjali, tbegħid minn kull tagħwiġ, tidwir jew sensazzjonaliżmu, rispett għall -privatezza u twarrib ta' kull konflitt ta' interessi.

5.3 Jekk reporter jgħaddi ġudizzju ġurnalistiku professjonali dan għandu jidher li jkun ġust u jiftiehem sewwa iżda mhux bħala opinjoni personali. L-udjenza ma għandhiex tkun tista' tqis l opinjoniet personali tal -preżentaturi u tar-reporters dwar suġġetti kontroversjali tat-tifsil tax-xejra pubblika.

TAQSIMA 6
Materjal Rikostitwit

6. Materjal Rikostitwit

6.1 Kull tixbiha ta' xi ġrajja fl-aħbarijiet televiżivi jew f'xi aħbar għalgħarrieda għandu jkollha miktub ċar taħtha li dak li qed jidher mhux dak li ġara u ma għandux ikun hemm l-iċken dubju li jista' jinħaseb li hu filmat oriġinali tal-ġrajja. Meta jintuża filmat ix -xandar għandu jgħid ċar jekk hux ġdid jew meħud mill-arkivji. Ċerta teknika ta' filmati mdawra bilmod jew jirrepetu l-istess xbihat għandha tintuża mill-inqas u dan biss meta tabilħaqq ikun meħtieġ isir xi enfasi dwar xi ħaġa jew xi għemil partikolari. Wieħed irid iqis ukoll ir-rispett li għandu jingħata lil dak li jidher fil-filmat; ċerti għemejjel/drawwiet li jdardru lanqas biss għandhom jintwerew, aħseb u ara kemm jiddawru bilmod u/jew għal aktar minn darba.

TAQSIMA 7
Stqarrijiet għall-Medja

7. Stqarrijiet għall-Medja

7.1 L-importanza ta' stqarrijiet għall-medja trid tintqies mis-siwi tagħhom bħala aħbar. Mhux hekk biss iżda aktar milli jikkwota kelma b'kelma mill-isqarrijiet tal-medja, ix-xandar għandu jara li l-persuna/ organizzazzjoni li qed toħroġ dawn l-istqarrijiet tidher jew tinstama' fihom.

SECTION 5
Location Reporting

5. Location Reporting

5.1 When making on location reports journalists shall be allowed the facility and freedom to make a remark, a description or a professional unbiased judgement of a happening, or a note of interpretation to further illustrate/enhance the presentation of a breaking story provided that the reporting does not breach the standards and practice requirements set out in this document or in other codes, whether of the Authority or otherwise, aimed at journalists.

5.2 Location reporting calls for due regard for accuracy, absence of bias, non-intermingling of news and editorial comment, avoidance of distortion and sensationalism, respect for privacy and avoidance of conflict of interest.

5.3 If a reporter expresses a professional, journalistic judgement, such judgement must be recognized as perceptive and fair and not as a personal opinion. The audience should not be able to gauge the personal views of the presenters and reporters on controversial issues of public policy.

SECTION 6
Reconstruction Material

6. Reconstruction Material

6.1 Any simulation of an event in a television news bulletin or news flash should either be subtitled, indicating clearly that the pictures are not actual and there can be no reasonable possibility that it could be taken to be original footage. When using footage, the broadcaster should clearly indicate whether it is fresh or archive material. Certain techniques, such as running footage in slow motion or repeating the images, must be used sparingly and only when required to stress a point or highlight a given action. Also, respect must be shown to the subject in such footage; unsavoury human practices/habits should not be screened at all, let alone in slow motion and/or repeatedly.

SECTION 7
Media Releases

7. Media Releases

7.1 Media releases should be evaluated on the merits of their news value. Moreover, rather than just quoting verbatim from media releases, the broadcaster should seek that the person/organisation issuing such release appears on camera or on sound.

7.2 Fejn stqarrija għall-medja maħruġa bħala tweġiba għal x'ġara jew x 'intqal qabel li ma tkunx diġà ġiet rappurtata mill-istazzjon konċernat minħabba li ma jkollhix valur ta' aħbar, dak li stazzjon għandu jipprovdi reżokont ta' l-istqarrija oriġinali flimkien mar-reazzjoni għaliha.

TAQSIMA 8
Jeddijiet għall-Ġieħ u l-Privatezza u Drittijiet ta' Risposta

8. Jeddijiet għall-Ġieħ u l-Privatezza

8.1 Kulħadd għandu l-jedd jara li l-ħajja privata tiegħu u tal-familja tibqa' rispettata. Kull min ikun fl-aħbarijiet jew jaħdem fil-ħajja pubblika għandu l-jedd għall-ħarsien tal-privatezza ħlief meta l-ħajja privata ta' dak li jkun tista' tasal biex teffettwa l-ħajja pubblika.

8.2 Jista' jkun hemm każi fejn irid jintqies sewwa l-interess pubbliku mal-jedd li l-individwu jkollu rispettata, il-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu.

8.3 Meta l-ġurnalisti, l-edituri u l-produtturi jirrapportaw attivitajiet li jsiru f'postijiet pubbliċi, iridu jagħżlu b'għaqal xieraq dak li jisimgħu dikjarat, jaraw jiġri jew jintebħu bih billi jibqgħu ji żguraw il-jedd għall-privatezza individwali.

8.4 Meta jkun ser jintwera materjal meħud minn kameras televiżivi b'ċirkuwitu ristrett, jinħtieġ jinkiseb il-permess minn qabel mingħand l-individwu li jidher fihom u li aktarx ma kienx jaf bihom. Iżda meta jkun fl-interess pubbliku li jintuża filmat bħal fil-każ biex jixxandar l-għemil ta' reat jew negliġenza grassa fl-immaniġjar ta' l-affarijiet pubbliċi, il-permess ta' l-individwu li jidher fih ma jkunx meħtieġ.

8.5 Min jipprovdi l-materjal għall-aħbarijiet irid iqis sewwa jekk kienx hemm min intlaqat ħażin minħabba li l-materjal għall-aħbarijiet reġa' wara ntuża fi programmi oħra u b'kuntest/i differenti.

8.6 Il-jedd għall-privatezza għandu jkun rispettat fi żminijiet ta' luttu jew tbatija kbira. Wieħed irid bis-serjetà jqis sewwa l qagħda ta' dak li jkun f'xi traġedja personali.

8.7 Jekk ma jkunx meħtieġ, bħal meta forsi biex tgħin lill-pulizija tagħraf lil dak li jkun, ma hemmx għalfejn jinġiebu jidhru mill-qrib xbihat ta' vittmi f'diżgrazzji. Bħala regola, ma għandhomx jitħabbru l-ismijiet tal-vittmi qabel ma jkunu jafu qrabathom.

8.8 Xeni ta' tbatija u ta' nies fil-hemm sikwit jagħmlu sehem sħiħ minn rapport ta' aħbarijiet fejn ikun hemm diżastri naturali, diżgrazzji jew vjolenza. Qabel ma jitħallew joħorġu xeni bħal dawn il-produttur irid iwieżen bir-reqqa l-ħerqa li jaqdi l-ħtieġa tas-sewwa, mas-sogru li

7.2 Where a media release is issued in reaction to an earlier event or statement which had not been previously reported by the station concerned due to its lack of news value, it shall be the duty of the said station to provide an account of the original release together with the reaction thereto.

SECTION 8
Rights of Respect and Privacy and Rights of Reply

8. Rights of Respect and Privacy

8.1 Everyone is entitled to respect for his or her private and family life. People in the news and persons holding office in public life are entitled to protection of their privacy except in those cases where their private life may have an effect on their public life.

8.2 There are occasions when the individual's right to respect for private and family life must be balanced against the public interest.

8.3 When covering events in public places, journalists, editors and producers must exercise due diligence when reporting on statements or action heard or noticed while ensuring the individual's right of privacy is respected.

8.4 The subject's permission must be obtained when using material from closed -circuit television cameras of which the individual is unlikely to have been aware. However, when it is in the public interest to use footage such as in the case of the exposure of crime or gross negligence in the management of public affairs, then the subject's permission is not required.

8.5 The news service provider should consider carefully whether unfairness to the person/persons portrayed results from re-use of news material in later and different programme contexts.

8.6 The individual's right to privacy at times of bereavement and extreme distress must be respected. Particular care should also be taken where personal tragedy is involved.

8.7 Generally, close-up of victims should be avoided, if necessity does not demand otherwise, such as to help police identification. The names of the victims, before next-of-kin are informed, should not as a rule be broadcast.

8.8. Scenes of human suffering and people in distress are often an integral part of news reportage of natural disasters, accidents or human violence. Before presenting such scenes a producer needs to balance the wish to serve the needs of truth against the risk of

joħloq sensazzjonaliżmu. Għandu jsir avviż minn qabel, iwissi li xi xeni li se jidhru, jistgħu ma jkunux addattati għat-tfal jew għal dawk li jimpressjonaw ruħhom.

8.9 Nies mixlija b'atti kriminali ma għandhomx jintwerew daqslikieku ġa nstabu ħatja. Qatt ma għandu jsir ġuri bil-medja qabel ma toħroġ sentenza mill-qorti. Wieħed għandu jqis sewwa li ma jixxandarx ripetutament filmat li jista' jippreġudika l-jedd għal ħaqq ħieles tal-mixli. Meta jsir rapport li xi ħadd tressaq il -qorti, dejjem għandu jibqa' rispettat il-prinċipju li wieħed għadu innoċenti. L-istil u l-importanza li bihom isir ir-rapport ta' nies li tressqu l-qorti għandu jkun jaqbel ma' dak ta' meta fl-aħħar tinqata' s-sentenza.

8.10 Ma għandux jingħata l-post fejn wieħed jgħix jew fejn toqgħod il-familja tiegħu sakemm dan ma jkunx meħtieġ minħabba l-istħarriġ.

8.11 *Filmjar u Rekordjar f 'Istituzzjonijiet*

8.11.1 Meta jingħata permess biex jittieħed film jew isir recording f'xi istituzzjoni fejn in-nies dieħla u ħierġa l-ħin kollu iżda fejn normalment ma jitħallewx jiddaħħlu kameras mingħajr dan il-permess, aktarx li l-filmat ikun fih biċċiet ta' xi wħud li jkunu hemm dak il-ħin u ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-ħsieb ewlieni tal-programm.

8.11.2 Wieħed isaqsi kemm jistgħu nies bħal dawn jirrifjutaw u xi drittijiet għandhom, biex materjal bħal dan fejn jidhru huma ma jixxandarx. Is-soltu ma jkun hemm l-ebda obbligu li jintalab permess meta d-dehra ta' nies hekk, hija inċidentali u jkun jidher ċar li dawn huma hemm b 'kumbinazzjoni u bħala membri li jagħmlu sehem mill-pubbliku in ġenerali.

8.11.3 Fejn id-dehra tagħhom ma tkunx inċidentali, meta ma jidhrux b'kumbinazzjoni avolja bla isem, jew ma jissemmewx, u jidhru f'xi qagħdiet partikolarment sensittivi (bħal ngħidu aħna pazjenti psikjatriċi, ħabsin, jew nies b'diżabilità) irid l-ewwel jinkiseb il-permess ta' kull wieħed u waħda minnhom biex il materjal ikun jista' jintwera.

8.11.4 Meta minħabba xi diżabilità jew mard dak li jkun la jista' jagħti permess u lanqas jirrifjutah, għandu jintalab il-permess biex jintuża l-materjal mingħand il-qraba l-aktar viċin tiegħu jew minn min ikun qed jieħu ħsiebu/ha.

8.11.5 Kull eċċezzjoni tista' tiġi ġġustifikata meta jkun jidher ċar li dan qed isir fl-interess pubbliku.

8.12 *Teħid ta' Films fuq Xogħol ta' Pulizija*

8.12.1 Meta jingħata permess biex jittieħdu filmati tal-pulizija jew xi ħidmiet uffiċjali oħra, fejn ikun hemm ukoll membri tal-pubbliku fi nħawi jew f'postijiet oħra li m'humiex pubbliċi (eż.: żjarat fi djar b'digriet, stħarriġ

sensationalism. A prior announcement should be made to warn that the subsequent scenes might not be suitable for viewing by children or impressionable persons.

8.9 Persons accused of criminal matters should not be projected as if they are already found guilty. Trial by the media before any court judgement is delivered should be avoided at all times. Care should be taken to avoid broadcasting repetitive footage that might prejudice the accused's right to a fair trial. When reporting on arraignment, the principle of presumption of innocence must be fully respected. The same treatment meted out to persons on arraignment shall likewise be meted out when judgement is pronounced.

ġenituri jagħtu l-permess tagħhom. Fil-każ ta' tfal oħra li tkun diffiċli għalihom li jagħtu l-kunsens ħieles u infurmat tagħhom, il-permess għandu jintalab mingħand it-tuturi tagħhom. (Dan minbarra l-ħtieġa tal-parir ta' persuna kwalifikata skond kif hemm maħsub fil-paragrafu 3.1.3).

4.1.2 Dawk li jtellgħu l-programm iridu jkunu żguri li għalkemm it-tfal jinħarġilhom il-permess biex jieħdu sehem fil programm dan isir fl-aħjar interessi taghom.

Min itella' l-programm għandu jaħseb fuq kollox fil-ħtieġa ta' ħarsien għal dawn it-tfal.

4.1.3 Għalkemm il-ġenituri jew it-tuturi jkunu jridu lil uliedhom jieħdu sehem, min qed itella' l-programm irid jirrispetta x-xewqa tat-tfal jekk huma stess joġġezzjonaw li jieħdu sehem. F'każijiet bħal dawn għandha dejjem tidħol il-persuna kwalifikata biex tiċċertifika li l-proċess sar skond il-proċeduri msemmija f'dawn il-ħtiġiet.

4.1.4 Meta t-tfal ikunu protagonisti fi programm intenzjonat għall-kbar u mhux għat-tfal, il-parti tat-tfal trid tkun rekordjata.

4.1.5 Meta fi programm jieħdu sehem it-tfal, dawk li jtellgħu l-programm iridu joqogħdu aktar attenti biex jiżguraw il-ħarsien ta' l-interessi tagħhom. Dawk li jtellgħu l-programm iridu joqogħdu attenti l-aktar li t-tfal ħafna iżgħar mill-oħrajn isibuha diffiċli biex jagħżlu bejn ir-realtà u l-fantasija kif ukoll mhux dejjem ikollhom il-ħila jagħrfu l-għajdut u s-seksik mill-verità.

4.1.6 M'għandhomx jixxandru programmi bil-ħsieb li tinkixef l-identità tal-ġenituri naturali tat-tfal, kif ukoll dik ta' tfal addottati. Mhux biss imam fejn il-programmi jew partijiet minnhom ikollhom x'jaqsmu mas-suġġett ta' l-addozzjoni, dawn il-programmi jew partijiet minnhom iridu jixxandru tard *wara l-ħinijiet tat-tfal* u ma għandux ikun hemm xandir ripetut tagħhom jew partijiet minnhom qabel tard *wara l-ħinijiet tat-tfal*. Dan jgħodd ukoll għar-reklamar ta' dawn il-programmi dwar l-addozzjoni. Għall-iskopijiet ta' dawn il-Linji Gwida, *wara l-ħinijiet tat-tfal* ifisser bejn id-9 ta' filgħaxija u s-6 ta' filgħodu.

4.1.7 L-istazzjon għandu jiżgura li meta tfal li jbatu minn xi tip ta' problema jkunu ser jieħdu sehem fi programm, għandha tiġi kkuntattjata l-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità sabiex tagħti l-approvazzjoni tagħha biex dik il-persuna vulnerabbli li tkun minuri tieħu sehem u l-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità għandha tħejji rapport bil-miktub biex jingħata lill istazzjon konċernat.

Terġa' l-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità għandha

permission from these parents is given. In the case of other children for whom it would be difficult to give their free and informed consent, permission should be granted by their guardians. (Advice need however also be sought from a qualified person, as indicated in para. 3.1.3).

4.1.2 Producers have to ascertain that although permission is granted to children to take part in a programme, this is allowed mainly for their benefit.

Producers should above all consider the need to protect children.

4.1.3 When parents or carers give their consent for the participation of children in their care, but the children themselves refuse, producers should respect the wishes of the children. In similar cases the qualified person should always be involved and asked to certify that the whole process was carried out in accordance with the procedures laid down in these requirements.

4.1.4 When children are the protagonists of a programme intended for adults and not for children, the childrenís parts have to be recorded.

4.1.5 When children take part in a programme, the producers have to be extra-careful to ensure that the childrenís interests are properly safe guarded. The producers must pay particular attention to the fact that very young children find it difficult to discern between reality and fantasy and are not always able to choose between truth and gossip.

4.1.6 Programmes aimed at establishing the identity of the natural parents of children, including adopted ones, shall not be broadcast. Moreover, where programmes or parts thereof deal with the subject of adoption such programmes or parts thereof are to be aired after the watershed and no repeats of such programmes or parts thereof shall be broadcast prior to the watershed. The same applies to programme promotions of such programmes dealing with adoption. For the purpose of these Guidelines, the watershed means between 9:00p.m. and 6:00a.m.

4.1.7 Whenever any child who has any form of problem participates in a programme, the station shall ensure that Aġenzija Appoġġ or any other specialised agency authorised by the Authority is contacted for its clearance for the participation of such minor vulnerable person and that Aġenzija Appoġġ or such other agency draws up a written report to be presented to the station in question.

Moreover, Aġenzija Appoġġ or such other agency shall be given access to monitor programme production

tingħata aċċess biex tissorvelja l-produzzjoni ta' programm f'kull fażi tiegħu jekk hija jidhrilha li jkun hekk neċessarju. Bl -istess mod it -tfal għandhom jingħataw ħarsien ukoll jekk ikunu l-ġenituri tagħhom u mhux huma stess li jidhru fi programm televiżiv u jkunu dawk il-ġenituri li jiddiskutu xi problema li b'xi mod ikollha x'taqsam direttament ma' l-istat tal-kuntentizza tagħhom.

4.1.8 Ix-xandara għandhom, meta jkunu qed iħejju l-iskedi tal-programmi, iżommu quddiem għajnejhom li t-tfal għandhom id-dritt li jiġu mħarsa aktar minn kull persuna oħra. Normalment, għalhekk, it-tfal li jbatu minn xi problema m'għandhomx jiġu mistiedna biex jieħdu sehem fi programm fejn jiddiskutu l-problemi partikolari tagħhom. Bħala eċċezzjoni huwa permess il-każ fejn l-istazzjon ikun tal-fehma li jekk is-sehem tat-tfal ikun ta' ġid għalihom, l -istazzjon għandu allura jgħaddi dak il-każ lill-Aġenzija Appoġġ jew kull aġenzija speċjalizzata oħra awtorizzata mill-Awtorità skond ma jingħad fil-paragrafu ta' qabel dan. It-tfal għandhom jitħallew jieħdu sehem f'dawk il-programmi biss meta d-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti jkunu ġew osservati.

4.1.9 Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.8 għandhom japplikaw ukoll għal nies oħra bla ħarsien xieraq maġġorenni iżda li jkunu inkapaċitati skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 520 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew taħt il-kura u kustodja tal-ġenituri jew ta' tuturi.

4.1.10 Għandhom jiġu osservati wkoll dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

i. is-seduta li tgħarbel trid tinżamm kemm jista' jkun mhux anqas minn ġimgħa qabel il-ġurnata li fiha jinġibed il-film ħlief fil-każ ta' l-Istrina meta din is-seduta għandha tinżamm mill-anqas xahar qabel id-data ta' meta jinġibed il-film sabiex f'dan l-aħħar każ ikunu jistgħu jsiru l-verifiki meħtieġa dwar l-għoti tal-kunsens;

ii. m'għandha ssir l-ebda seduta li tgħarbel fil-każ ta' tfal ta' taħt it-tliet snin. Fil-każ li tfal ta' taħt it-tliet snin jidhru fuq it-televiżjoni, wiċċ dawk it-tfal għandu jiġi kollu kemm hu mgħotti biex it-tfal ma jkunux jistgħu jiġu identifikati;

iii. meta jittieħed film ta' tfal barra minn Malta iżda xi żmien wara dawk it-tfal jieħdu sehem fi programm lokali u jintuża waqt dak il-programm il-film li jkun inġibed qabel barra minn Malta, xorta jkun jeħtieġ li tinżamm is-seduta li tgħarbel;

iv. fejn il-ġenituri/tuturi jagħtu l-kunsens tagħhom biex it-tfal tagħhom jieħdu sehem

at any stage if it so deems necessary. Similarly, children should also be afforded protection even though it is their parents and not themselves who appear on a television programme and such parents discuss any problem which might in one way or another affect directly the wellbeing of their children.

4.1.8 Broadcasters should bear in mind, when drawing up programme schedules, that children have a right to be safeguarded more than any other person. Hence, normally children who have some problem should not be invited to participate in a programme to discuss their own particular problems. By way of exception, should the station be of the opinion that a child's participation be beneficial to such child, then the station should refer such case to Aġenzija Appoġġ or such other agency in terms of the preceding paragraph. Children should be permitted by stations to participate in such programmes only when the provisions of the preceding paragraph have been complied with.

4.1.9 The provisions of paragraphs 4.1.1 to 4.1.8 shall also apply to other vulnerable persons who have reached majority age but are incapacitated in terms of the provisions of article 520 of the Code of Organisation and Civil Procedure or under parental care and custody or tutorship.

4.1.10 The following additional requirements shall also be followed:

i. such pre-screening session has to take place at least one week prior to the date of filming except in the case of L-Istrina where such screening has to take place at least one month prior to the date of filming so that in this latter case the necessary consent verifications may be made;

ii. no pre-screening session shall take place where the child is less than three years. Should a child of less than three years appear on television, the child's face shall be totally blurred so that the child cannot be identified;

iii. where a child is filmed overseas but subsequently participates in a local programme and the overseas film is used during such a programme, a pre-screening session will still be required;

iv. when parents/tutors consent to the appearance or participation of children in

fil-mezzi tax-xandir, dak il-kunsens għandu jkun bil-miktub u għandu jitħalla ma' l-Aġenzija Appoġġ, ma' l-istazzjon tax-xandir in kwistjoni u ma' l-Awtorità tax-Xandir;

v. il-volantin mehmuż għandu jitqassam kemm lit-tfal, meta jkun il-każ, u lill-ġenituri/tuturi qabel is-seduta li tgħarbel sabiex huma jkunu konxji dwar dak li hu mistenni li jintlaħaq waqt is-seduta li tgħarbel;

vi. għandha timtela ma' dawn il-ħtiġiet il-Formola dwar it-Talba għas-Seduta li Tgħarbel li tagħti d-dettalji dwar is-sehem tat-tfal li tinsab mehmuża ma' dawn il-ħtiġiet u kopji tagħha għandhom jingħataw lill-Aġenzija Appoġġ qabel is-seduta li tgħarbel, lill-istazzjon konċernat u lill-Awtorità tax-Xandir;

vii. kemm il-Formola dwar it-Talba għas-Seduta li Tgħarbel u l-Formola dwar l-Għoti tal-Kunsens għandhom jimtlew sew u għandhom jiġu ffirmati fi tliet kopji qabel ma kopja tingħata lill-Aġenzija Appoġġ, oħra lill-istazzjon tax-xandir u oħra lill-Awtorità tax-Xandir.

4.2 *Riferenza għal terzi persuni*

4.2.1 Min jiġi għall-programm biex jgħid l-istorja tiegħu ma jistax jitħalla jsemmi nies oħra li malajr jintgħarfu min huma iżda li ma jkunux hemm jew li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom minn qabel biex jissemmew. Ngħidu aħna, ma jistgħux jidhru nies u jitħallew jgħidu li l-ġenituri, l-aħwa jew xi oħrajn ma għadhomx ikellmuhom u li huma jixtiequ jirranġaw magħhom mingħajr ma jirrispettaw id-dritt li dawn ma jissemmewx jekk ma jkunux qalu "iva" minn qabel.

4.3 *Id-drittijiet tal-gruppi*

4.3.1 Dawk li jtellgħu l-programm għandhom jagħtu każ mhux biss id-drittijiet ta' l-individwu li jkun irid jieħu sehem fil programm iżda wkoll tad-drittijiet ta' nies oħra li jkunu f'qagħda bħalu u m'humiex fil-programm. Jista' jkun, ngħidu aħna, li min jidher fil-programm ikollu diżabilità li minħabba fiha jingħata xi benefiċċju personali, bħal xi għotja ta' flus. Dawk li jtellgħu l-programm għandhom b'kull mod jevitaw li din ma tiftehimx ħażin u li dawn l-individwi la huma "vittmi" u lanqas "anġli". Dan jgħodd mhux biss għal dawk b'diżabilità iżda għal kull grupp ta' nies meqjusa jinħtieġu l-ħarsien.

4.4 *L-użu ta' l-iffukar fil-qrib*

4.4.1 Bla dubju ta' xejn l-użu ta' l-iffukar fil-qrib jgħin biex programm televiżiv ikun aktar intimu u l-udjenza allura tħossha aktar qed tieħu sehem fih. Iżda l-

the broadcasting media such consent should be in writing and deposited with Aġenzija Appoġġ, the broadcasting station in question and the Broadcasting Authority;

v. the attached handout is distributed to both the children, where applicable, and parents/tutors prior to the screening session so that they are made aware of what the pre-screening session is intended to achieve;

vi. the attached Pre-Screening Session Request Form detailing the child's participation is filled in and copies are to be handed in to Aġenzija Appoġġ before the pre-screening session, to the station concerned and to the Broadcasting Authority;

vii. both the Pre-Screening Request Form and the Consent Form have to be duly filled and signed in triplicate before being forwarded to Aġenzija Appoġġ, the broadcasting station and the Broadcasting Authority.

4.2 *Reference to third parties*

4.2.1 Participants invited in a programme to tell a story cannot be allowed to refer to persons who are easily identifiable but who would not be present in the studios or who would not have given their prior consent to be so mentioned. It is not acceptable, for instance, to have participants say that parents, brothers or sisters or other individuals are no longer on speaking terms with them and that they would like to be reconciled with them, without respecting the right such people have not to be mentioned if they would not have given their prior consent.

4.3 *Group rights*

4.3.1 Producers should care not only for the rights of the individual who is participating in a programme but also to the rights of others who are in similar situation but are not participating in the programme. It may be for example that an individual with a disability taking part may derive some personal benefit such as a cash gift. Producers should at all costs try to prevent that this is not misinterpreted and that these individuals are neither "victims" nor "innocent beings". Producers should adopt this attitude not only to individuals with a disability but also to any group of individuals considered vulnerable.

4.4 *The use of close-ups*

4.4.1 The use of close-ups (CUs) undoubtedly helps to render a television programme intimate in style, thereby increasing audience participation. But CUs can

iffukar fil-qrib jista' wkoll jinvadi l-privatezza ta' dak li jkun. Minħabba f'hekk dawk li jtellgħu l-programm għandhom jaħarbu kemm jista' jkun l-użu ta' l-iffukar fil-qrib l-aktar meta dan jista' jintqies bħala invażjoni tal-privatezza jew meta jistgħu jispikkaw difetti fiżiċi, l-aktar fil-wiċċ.

4.5 *Anonimità*

4.5.1 Importanti li meta titwiegħed l-anonimità lil dawk li qed jieħdu sehem tinżamm b'mod strett għall-aħħar. Ħafna drabi jkun meħtieġ li biex jiġu protetti l-individwi, ix-xandir isir b'mod li l-persuni konċernati ma jkunux jistgħu jintgħarfu mill-pubbliku u xi drabi lanqas mill-ħbieb jew saħansitra minn tal-familja.

Biex dan ikun jista' jseħħ ġieli jkun meħtieġ li jinbidlu kemm il-viżiv kif ukoll l-awdjo. Sikwit ikun aħjar li jintuża leħen ieħor (voice over), fuq dak li jkun hemm, minn ħaddieħor jew minn attur, minflok titgħarraq il-vuċi biex ma tingħarafx. Meta jiġri hekk tajjeb li l-udjenza tkun mgħarrfa bit-teknika użata.

4.6 *Persuni li jsofru minn mard terminali, eċċ.*

4.6.1 Persuni li jbatu minn mard terminali jew għandhom difetti fiżiċi naturali jistgħu jipparteċipaw fil-programmi meta s-sehem tagħhom x'aktarx ikun ser inissel tama u ispirazzjoni fl udjenza li tarhom. Meta l-istazzjon jkollu l-biża' li l-effett prinċipali ser ikun tnissil ta' sens ta' "jaħasra" allura m'għandhomx jieħdu sehem. L-istazzjonijiet għandhom jiġu gwidati mill-prinċipji tar-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem/bniedma u għandhom jaħarbu milli jiffukaw fuq sitwazzjonijiet fejn it-tbatija tan-nies tiġi enfasizzata u sensazzjonalizzata bla bżonn.

4.7 *Doorstepping*

4.7.1 Mhux permess li jsir doorstepping jew li tersaq bil-camera għal għarrieda fuq persuna vulnerabbli dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-vulnerabilità tagħha u l-istazzjonijiet għandhom joqogħdu ferm 'il bogħod milli jġibu rwieħhom b'dan il-mod.

4.7.2 L-anqas m'għandu jkun hemm doorstepping fejn terzi persuni jintalbu jikkummentaw dwar il-vulnerabilità ta' kull persuna vulnerabbli.

4.8 *Tifsir ta' dawn il-ħtiġiet*

4.8.1 L-istazzjonijiet għandhom jiżguraw li fit-tifsira li tingħata lil dawn il-ħtiġiet huma għandhom iħarsu lejn l-ispirtu tagħhom u kull tifsir mogħti lilhom għandu dejjem ikun fl-aħjar interess tal-persuna vulnerabbli.

also constitute an invasion of privacy. For this reason, producers should avoid CUs when these are reasonably considered to amount to an invasion of privacy or when there are facial/physical defects.

4.5 *Anonymity*

4.5.1 When participants are promised anonymity, it is important that this understanding is strictly adhered to. For individuals to be protected it is often necessary to conduct the programme in such a way that the person concerned cannot be recognized by the public in general and sometimes not even by friends or family.

In order to achieve this it is often necessary to change both the audio as well as the visual image. Very frequently it would be better to use a voice over by another person and/or utilize the services of an actor rather than use distortion. In such cases, the audience should be informed of the technique adopted.

4.6 *Persons suffering from a terminal illness, etc.*

4.6.1 Persons suffering from a terminal illness or from acute physical conditions may participate in programmes only when their participation is such as to instil hope and inspiration in audiences watching them. When the station fears that the principal effect of such vulnerable persons' participation will be such as to instil a sense of pity, such participation will not be considered permissible. Stations should be guided by the principle of respecting human dignity and avoiding focusing upon situations where people's suffering is unduly emphasised and sensationalised.

4.7 *Doorstepping*

4.7.1 Doorstepping or the approaching without any prior notice of any vulnerable person with regard to anything concerning his/her vulnerability shall not be permissible and stations shall desistfrom such conduct.

4.7.2 Nor shall doorstepping be allowed where third parties are requested to comment on the vulnerability of any vulnerableperson.

4.8 *Interpretation of requirements*

4.8.1 In the interpretation of these Requirements, stations shall ensure that the spirit of these requirements is adhered to and any interpretation given should always be in the best interest of the vulnerable person.

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 81

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap.65) il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati:

Ix-Xlendi, Għawdex

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Awissu 2007, mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Puniċi, Qsajjem, San Xmun, Sant' Andrija, ir-Rabat, Pjazza Anfori, il-Marina u Karolina.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Awissu, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 46 ta' l-2007

Ħruq ta' Murtali minn fuq Barkun bejn Sant' Anġlu l-Ponta ta' Bighi, il-Port il-Kbir

Se jinħarqu murtali nhar il-Ħamis id-9 u l-Ġimgħa l-10 ta' Awissu, 2007, minn fuq barkun irmiġġat bejn Sant' Anġlu u l-Ponta ta' Bighi kif muri fuq iċ-*chart* li wieħed jista' jara fuq il-*website* ta' Awtorità Marittima ta' Malta bl-indirizz:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-murtali se jinħarqu minn fuq barkun irmiġġat fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
$35^{0}53'.536$	$14^{0}31'.261$

Il-ħinijiet ta' meta se jinħarqu l-murtali huma kif ġej:

Id-9 ta' Awissu, 2007	bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m.
L-10 ta' Awissu, 2007	bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m.

Is-sidien ta' inġenji u l-għawwiema kollha huma mwissija biex waqt din il-wirja jżommu 'l bogħod ta' raġġ ta' mhux anqas minn 200 metru mill-post ta' minfejn se jinħarqu l-murtali.

POLICE NOTICE

No. 81

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated:

Xlendi, Gozo

On Sunday, 19th August 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Puniċi, Qsajjem, San Xmun, Sant' Andrija, ir-Rabat, Pjazza Anfori, il-Marina and Karolina.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

7th August, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 46 of 2007

Fireworks Displays from a Barge moored between St Angelo and Bighi Point, Grand Harbour

Fireworks displays will be held on Thursday, 9th August, 2007 and Friday,10th August, 2007, from a barge moored between St Angelo and Bighi Point as shown on part of chart which can be viewed on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

The fireworks will be let off from a barge moored in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
$35^{0}53'.536$	$14^{0}31'.261$

The times of the fireworks will be as follows:

9th August, 2007	between 7.00 p.m. and 11.00 p.m.
10th August, 2007	between 7.00 p.m. and 11.00 p.m.

All masters of craft and bathers are warned to keep clear off a distance of not less than 200 metres radius from the firing site during the above-mentioned display.

Min ibaħħar fil-Port il-Kbir għandu jagħmel dan b'attenzjoni kbira u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control.

Riferenza qed issir għall-parti minn BA Chart 177.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

Is-7 ta' Awissu, 2007

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi minħabba ffilmjar, dawn it-toroq li ġejjin se jingħalqu għat-traffiku kif ġej:

Il-Kalkara

Nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Awissu, 2007 minn nofsinhar sas-7.00 p.m. ma jitħalliex isir ipparkjar matul ix-Xatt tal-Bajja tar-Rinella.

Ħal Balzan/Ħ'Attard

Nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Awissu, 2007 mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. tat-Tlieta, l-4 ta' Settembru, 2007, ma jitħalliex isir ipparkjar fit-triq fil-parkeġġ quddiem il-Corinthia Palace Hotel.

Nhar it-Tnejn, it-3 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. u nhar it-Tlieta, l-4 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m. sa nofsinhar dħul fi Triq Birkirkara minn kantuniera ma' Triq Oscar Testa sa kantuniera ma' Vjal de Paule se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Il-Birgu

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu, 2007 mis-2.00 p.m. sal-5.00 p.m. tat-tnejn, is-27 ta' Awissu, 2007, ma jitħalliex isir ipparkjar fit-triq matul partijiet minn Triq San Dwardu.

Nhar it-Tnejn, is-27 ta' Awissu, 2007 mis-7.00 a.m. sal-5.00 p.m. dħul fi Triq San Dwardu se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħamis, it-23 ta' Awissu, 2007 mid-9.00 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu, 2007 dħul fi Triq Joseph Abela Scolaro (Misraħ il-Vittmi Ħamruniżi) se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Navigation within the Grand Harbour is to proceed with caution and slow speed. Mariners are warned to obey instructions given by the Valletta Port Control.

Refer to part of BA Chart 177 attached.

Positions are referred to WGS 84 Datum.

7th August, 2007

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that, due to filming, the following roads will be closed for traffic as follows:

Kalkara

On Friday, 31st August, 2007 from noon to 7.00 p.m. parking will not be permitted along the Rinella Bay Quay.

Balzan/Attard

On Friday, 31st August, 2007 from 8.00 a.m. to 2.00 p.m. of Tuesday, 4th September, 2007, on street parking will not be permitted at the car park in front of Corinthia Palace Hotel.

On Monday, 3rd September, 2007 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. and on Tuesday, 4th September, 2007 from 7.00 a.m. to noon access to Triq Birkirkara from corner with Triq Oscar Testa up to corner with Vjal de Paule, Balzan will be controlled intermittently.

Vittoriosa

On Sunday, 26th August, 2007 from 2.00 p.m. to 5.00 p.m. of Monday, 27th August, 2007, on street parking will not be permitted along parts of Triq San Dwardu.

On Monday, 27th August, 2007 from 7.00 a.m. to 5.00 p.m. access to Triq San Dwardu will be controlled intermittently.

Ħamrun

On Thursday, 23rd August, 2007 from 9.00 p.m. to 1.00 a.m. of Friday, 24th August, 2007 access to Triq Joseph Abela Scolaro (Misraħ il-Vittmi Ħamruniżi) will be controlled intermittently.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħamis, is-6 ta' Settembru, 2007 mis-1.00 p.m. sas-7.00 p.m. dħul fi Triq tal-Karwija se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. dħul fi Triq tal-Karwija se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. dħul fi Triq tal-Karwija se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Is-Siġġiewi

Nhar is-Sibt, it-8 ta' Settembru, 2007 mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. tat-Tnejn, l-10 ta' Settembru, 2007 Triq tal-Providenza k/m Triq ta' Bur il-Kbir (is-sqaq li jwasssal għas-Siġġiewi) se tkun magħluqa parzjalment.

Nhar it-Tnejn, l-10 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m sas-7.00 p.m. dħul fi Triq ta' Bur il-Kbir se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

L-Imtaħleb, ir-Rabat

Nhar it-Tlieta, l-4 ta' Settembru, 2007 minn nofsinhar sas-7.00 p.m. ma jitħalliex isir parkeġġ fit-triq matul Triq ta' l-Imtaħleb li twassal għall-Kappella tal-Vitorja. Dħul fi Triq ta' l-Imtaħleb (li twassal għall-Kappella tal-Vitorja) se jkun kontrollat b'mod intermittenti. Dħul fi Triq ta' l-Imtaħleb (Il-korsa tal-Hillclimb) se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. ma jitħalliex isir parkeġġ fit-triq matul Triq ta' l-Imtaħleb li twassal għall-Kappella tal-Vitorja. Dħul fi Triq ta' l-Imtaħleb (li twassal għall-Kappella tal-Vitorja) se jkun kontrollat b'mod intermittenti. Dħul fi Triq ta' l-Imtaħleb (Il-korsa tal-Hillclimb) se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Nhar il-Ħamis, is-6 ta' Settembru, 2007 mis-7.00 a.m. sa nofsinhar ma jitħalliex isir ipparkjar fit-triq matul Triq ta' l-Imtaħleb li twassal għall-Kappella tal-Vitorja. Dħul fi Triq ta' l-Imtaħleb (li twassal għall-Kappella tal-Vitorja) se jkun kontrollat b'mod intermittenti. Dħul fi Triq ta' l-Imtaħleb (Il-korsa tal-Hillclimb) se jkun kontrollat b'mod intermittenti.

Is-7 ta' Awissu, 2007

Kirkop

On Thursday, 6th September, 2007 from 1.00 p.m. to 7.00 p.m. access to Triq tal-Karwija will be controlled intermittently.

On Friday, 7th September, 2007 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. access to Triq tal-Karwija will be controlled intermittently.

On Saturday, 8th September, 2007 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. access to Triq tal-Karwija will be controlled intermittently.

Siġġiewi

On Saturday, 8th September, 2007 from 4.00 p.m. to 7.00 p.m. of Monday, 10th September, 2007 Triq tal-Providenza c/w Triq ta' Bur il-Kbir (the lane leading to Siġġiewi) will be partly closed.

On Monday, 10th September, 2007 from 7.00 a.m to 7.00 p.m. access to Triq ta' Bur il-Kbir will be controlled intermittently.

Imtaħleb, Rabat

On Tuesday, 4th September, 2007 from noon to 7.00 p.m. on street parking will not be permitted along Triq ta' l-Imtaħleb leading to Victoria Chapel. Access to Triq ta' l-Imtaħleb (leading to Victoria Chapel) will be controlled intermittently. Access to Triq ta' l-Imtaħleb (Motor Hillclimb course) will be controlled intermittently.

On Wednesday, 5th September, 2007 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. on street parking parking will not be permitted along Triq ta' l-Imtaħleb leading to Victoria Chapel. Access to Triq ta' l-Imtaħleb (leading to Victoria Chapel) will be controlled intermittently. Access to Triq ta' l-Imtaħleb (Motor Hillclimb course) will be controlled intermittently.

On Thursday, 6th September, 2007 from 7.00 a.m. to noon on street parking will not be permitted along Triq ta' l-Imtaħleb leading to Victoria Chapel. Access to Triq ta' l-Imtaħleb leading to Victoria Chapel will be controlled intermittently Access to Triq ta' l-Imtaħleb (Motor Hillclimb course) will be controlled intermittently.

7th August, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Operations Officer (Safety Regulation and Air Transport)* fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

II-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Operations Officer (Safety Regulation and Air Transport)* fid-Diviżjoni tas-*Safety Regulation and Air Transport* fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, fi ħdan il-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

2.1 Il-persuna magħżula tinħatar *Operations Officer* temporanjament, u jkollha, bħala salarju, il-minimu ta' Skala 9 (Lm6,135 (€14,290.71) sakemm ittemm b'suċċess:-

(a) kors ta' taħriġ ta' *Operations Officer* (*Safety Regulations and Air Transport)*, u

(b) kors ta' titjir li jwassal għall-*Private Pilot's Licence*

Persuna li ma ttemmx b'suċċess il-korsijiet imsemmija f'(a) u (b) hawn fuq, tintemmilha l-ħatra temporanja.

2.2 Meta ttemm b'suċċess iż-żewġ korsijiet imsemmija fi 2.1 (a) u (b) hawn fuq, il-persuna magħżula tinħatar formalment bħala *Operations Officer* u titqiegħed fuq Skala 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)) Hija mbagħad titla' fi Skala ta' Salarju 7 (Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07)) wara tmien (8) snin servizz fil-grad, jekk din tkun qdiet dmirijietha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Il-persuna maħtura tkun intitolata għal dawk il-benefiċċji l-oħra u soġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim pertinenti milħuq bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Union* appuntata.

2.4 Il-persuna magħżula trid tiffirma kuntratt relevanti qabel ma tibda l-korsijiet ta' taħriġ.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet tal-persuna li tinħatar bħala *Operations Officer (Safety Regulation and Air Transport)* jinkludu li:-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Operations Officer (Safety Regulation and Air Transport) in the Department of Civil Aviation, Ministry for Competitiveness and Communications

The Public Service Commission invites applications for the post of Operations Officer (Safety Regulations and Air Transport) in the Safety Regulation and Air Transport Division of the Department of Civil Aviation, within the Ministry for Competitiveness and Communications.

2.1 The successful candidate will be appointed temporary Operations Officer and placed on the minimum of Salary Scale 9 (Lm6,135 (€14,290.71) until such time as he/she successfully completes:-

(a) a course of training as Operations Officer (Safety Regulation and Air Transport), and

(b) a course in flying leading to the Private Pilot's Licence.

Failure to successfully complete the courses at (a) and (b) above will result in the termination of the temporary appointment.

2.2 On successful completion of both courses specified at 2.1 (a) and (b) above, the temporary Operations Officer will be formally appointed to the grade of Operations Officer and placed on Salary Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49)) x Lm209 (€486.84) - Lm7,780 (€18,122.53)). He/she will then proceed to Salary Scale 7 (Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07)) on completion of eight (8) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the appointed Union.

2.4 The successful candidate will be required to sign the relative contractual undertaking before commencing the courses.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Civil Aviation in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of Operations Officer (Safety Regulation and Air Transport) include:

(a) tgħin lid-Direttur *(Safety Regulation and Air Transport)* fl-ippjanar, koordinazzjoni u implimentazzjoni ta' kull materja li tikkonċerna *safety regulation,* trasport bl-ajru u affarijiet internazzjonali;

(b) timmaniġġa materji dwar l-avjazzjoni li jkunu relatati mal-Unjoni Ewropea kif ukoll tiġbor dokumenti u *data*, tipprepara dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni ta' Malta f'laqgħat tal-Unjoni Ewropea, eċċ;

(ċ) tagħmel superviżjoni tad-*Duty Management Office*

(d) tagħmel xogħol ieħor li jista' jiġi mogħti lilha minn żmien għal żmien mid-Direttur Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) l-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

ċ) ikollhom lawrja rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, bil-Matematika, Fiżika jew Inġinerija bħala qasam ewlieni ta' studju;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma Uffiċjali Pubbliċi għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

(a) assisting the Director (Safety Regulation and Air Transport) in the planning, co-ordination and implementation of all matters concerning safety regulation, air transport and international affairs;

(b) managing all EU-related aviation matters including the collation of documents and data, preparing documentation associated with Malta's participation at EU meetings, etc.

(c) supervising the Duty Management Office

(d) undertaking other duties which may be assigned from time to time by the Director General of Civil Aviation.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (a) (ii), (iii), and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) in possession of a recognized degree, or a recognized, appropriate, comparable qualification, with Mathematics, Physics or Engineering as a main area of study;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand *undergraduates* li se jiggradwaw b' lawrja/kwalifika mniżżla f'paragrafu 5 (ċ) matul is-sena akkademika 2006 - 2007, sakemm jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet f'paragrafi 5 (a), (b) u (d).

6.2 Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6.1 isiru biss eliġibbli għall-ħatra bħala *Operations Officer* wara li jkunu temmew b'suċċess l-istudji tagħhom u jkunu ġabu l-approvazzjoni ta' l-Università/istituzzjoni terzjarja li kkwalifikaw għal-lawrja/kwalifika.

6.3 Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6.1 jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġjonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet ndaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumentirelevantilijinkluduevidenzadokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNDP.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti originali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifikimaħruġaminnUniversitajietbarranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilita'ta'kwalifiċimaħruġamill-MaltaQualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-kaz, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu

6.1 Applications will also be considered from undergraduates who expect to obtain a degree/qualification listed in paragraph 5 (c) during the 2006 - 2007 academic year, provided they satisfy the conditions under paragraphs 5 (a), (b) and (d) above.

6.2 Successful applicants under paragraph 6.1 will only become eligible for appointment as Operations Officer on the successful completion of their studies and on obtaining the approval of the University/tertiary education institution for the award of the degree/qualification.

6.3 Moreover, successful applicants under this paragraph will only be considered if there are not enough successful applicants under paragraph 5, provided that vacancies are available.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of

jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispozizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, Ajruport ta' Ħal Luqa, Malta.

9.3 Tiġi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10. tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post, partikolarment fuq il-bażi ta' konformità mal-ħtiġiet mediċi għall-akkwist ta' *Private Pilot Licence*.

11.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tintbagħat tagħmel korsijiet f'Malta jew barra minn Malta.

11.2 Jekk il-persuna magħżula tintbagħat barra minn Malta biex tagħmel korsijiet ta' taħriġ, din tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, *Personnel Section*, Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, Ajruport ta' Ħal Luqa, Malta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, *Personnel Section*, Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, Ajruport ta' Ħal Luqa, Malta, sa mhux aktar tard min-nofsinhar *(Central European Time)* ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Awissu 2007.

this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Civil Aviation, Luqa Airport, Malta.

9.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post, particularly on the basis of compliance with the medical requirements for the Private Pilot Licence.

11.1 The successful candidate may also be required to undergo training courses in Malta or abroad.

11.2 When proceeding abroad to follow courses, the selected applicant will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf or obtained from the Director General, Civil Aviation Department, Personnel Section, Luqa Airport, Malta.

13. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Civil Aviation Department, Personnel Section, Luqa Airport, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 31st August 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar *(Central European Time)* tal-Ġimgħa, 31 ta' Awissu 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, *Personnel Section*, Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili, Ajruport ta' Ħal Luqa, Malta, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2123 9278.

15.(a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sa l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta mid-Direttur Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili fi żmien sebat (7) ijiem.

Is-7 ta' Awissu, 2007

